NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 106**

**April - Ġunju 2022**



## IL-PRESIDENT FLIMKIEN MAL-MEMBRI TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURAW LILL-ANZJANI KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT GĦALL-GĦID IL-KBIR

**Nixtiequ navvzaw lill-pubbliku li għal aktar tagħrif issa wieħed jista' jidħol fuq il *Facebook Page, Instragram*, u *Twitter* billi tiktbu knamalta u fuq l-*Website* – www.kna.org.mt**

F'din l-edizzjoni...



**4**

**Trevor Zahra**
*Intervista minn Nazju Abela*

**13**

**Jekk wasalt, biex tirtira mix-xogħol, din għalik**
*Minn Helena Holland*




Avviż sponsorjat minn Spazju Kreattiv. L-anzjani għandhom il-possibilta' li jattendu għal dawn ir-rappreżentazzjonijiet bi prezz ridott.
Iktar informazzjoni fuq **www.kreattivita.org** jew ċemplulna fuq **21223200.**

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

***KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI***

**SER TINŻAMM IL-ĠIMGĦA 29 T'APRIL 2022**

**L-ISTITUT KATTOLIKU, FLORIANA**
**FIL-5:30 ta' filgħaxija**

**L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU**

**Minn jixtieq jattendi jista' jibbukja online fuq www.knamalta.org.mt jew iċċempel fuq 21 243 860 biex jikkonferma l-attendenza tiegħu.**

**Wara ser ikun hemm Bibita**

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**


**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Joseph Zammit

**Ass. Segretarja:**
Mary Farrugia

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Lino Debono
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford


**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI


**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**


## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Iltqajt ma' wieħed u qalli, "Bonġu!"
Għidtlu, "Imma ma ndoqqux!"
"X'inhu?" staqsieni.
"Il-banġu," weġibtu; "ma nafx indoqqu!"
"Le," qalli, "bonġu jiġifieri l-jum it-tajjeb."
"Mela għax m'għidtlix hekk mill-ewwel jaħasra," erġajt jien; "ġej bil-banġu, dalgħodu! Bonġu taf x'inhi?" komplejt ngħidlu. "Bonġu mhi xejn għajr korruzzjoni tal-espressjoni Franċiża, *Bonjour*."

Tiskanta kif aħna l-Maltin donnu li għandna manija biex nippreferu kelma barranija minflok dik Maltija. Fejn m'għandniex, m'hemmx x'tagħmel imma, meta jkollna, għaliex tarmih l-ilsien li tatek ommok u titlef għaqlek wara lsien barrani?

Din mhix storja tal-lum, tafux. Jien ngħodd sitta u sebgħin sena u ilni, mill-inqas, dawn l-aħħar sittin sena nisma' nies tal-affari tagħhom iħeġġuna biex, fejn għandna għażla, immorru għal kliem Malti. Nies bħall-Professur Pietru Pawl Saydon (Alla jaħfirlu) il-Professur Ġużè Aquilina (Alla jaħfirlu) il-Professur Oliver Friġġieri (Alla jaħfirlu) u Trevor Zahra (dak, Alla, għad jaħfirlu wkoll; imma mhux għalissa). Infatti, minn hawn, nixtieqlu li jibqa' jtina ħafna iktar xogħlijiet letterarji tajbin; imqar daqskemm tana f'dawn l-aħħar ħamsin sena (X'waħda din! Kont ser ngħid nofs seklu!).

L-appell tiegħi huwa li, iktar u iktar meta niktbu, m'għandniex nikkuntentaw bl-ewwel kelma li tiġi f'moħħna. Ma nkunux għażżenin! Nerġa' ngħid, jekk m'hemmx kelma oħra, ħa nużа waħda ta' nisel barrani imma, fejn għandna tagħna, għandna nkunu kburin bihom u nużawhom ħalli ma nħalluhomx jintilfu għal dejjem.

Pereżempju, għaliex ngħid 'ġurnata meta għandna l-kelma 'jum'? Għaliex 'kanzunetta' mhux 'għanja'? Għaliex ngħid 'viċin' flok 'qrib'? Għaliex nuża l-kelma 'gost' meta rrid infisser 'hena', jew 'ħadt pjaċir' minflok 'thennejt'? Għaliex ngħid 'ninduna' flok 'nintebaħ'? Għaliex ngħid 'kreatura' u mhux 'ħlejqa'? Għaliex ngħid 'sinjur' jew 'rikk' minflok 'għani'? Għaliex 'lingwa' u mhux 'il sien'? U għaliex 'blu' mhux 'ikħal'? Għaliex ma nużax il-kelma 'ġens' flok ngħid 'razza'? Għaliex mhux 'xejra' flok 'tendenza'? Għaliex ngħid 'forma' meta nista' nuża l-kelma 'bixra' jew 'dehra'? U għaliex mhux 'tassew' minflok 'veru'?

Nista' nibqa' sejjer hekk imma semmejt biss ftit eżempji ħalli taraw kif, b'naqra iktar ħsieb, nistgħu niddandnu b'dak li hu tagħna u, fl-istess ħin, ma nħallux lill-Professuri Saydon, Aquilina u Friġġieri jitqallbu f'qabarhom għalxejn. Għalhekk dejjem nisħqu ma' kulħadd biex naqraw iktar bil-Malti u b'Malti tajjeb. Inkella kif ser nitgħallmu? U r-responsabbiltà hija ikbar għal min hu kittieb jew xandar. Dawn għandhom id-dmir li jgħallmu lin-nies. Jekk ikunu traskurati huma, ma nistennewx aħjar minn Ċikku l-poplu. Ħaġa ta' xejn, forsi, imma kemm għadek issib minnhom li, ma nafx għaliex, bilfors iridu jibqgħu jgħidu 'covid *nineteen*' u mhux 'covid dsatax'? Fih minn xiex tistħi numru bil-Malti?

Għidtilkom li din l-istorja ilni nismagħha iktar minn sittin sena. Infatti, l-vers mill-poeżija ta' Dun Karm, li kkwotajt aktar 'il fuq, għandu mal-mitt sena. Imma, għalija, l-isbaħ waħda dejjem tibqa' dik li smajt għexieren ta' snin ilu mingħand Charlie Clews; Alla jaħfirlu wkoll. Wieħed ipponta jitla' fuq karozza tal-linja li kienet mimlija. "Full-up!" qallu x-xufier. Ma tax kas, kompla dieħel. "*Full up, mister*!" reġa' x-xufier imma l-ieħor kompla jiddeffes. "*Full-up, mister, alright*? Bil-Malti qed inkellmek!" infaqa' x-xufier.

Bħal dejjem, nixtieqilkom is-saħħa u s-sliem; mhux il-paċi!

# Nazju Abela f'intervista ma' Trevor Zahra



Jekk f'Malta hawn għaxar persuni li m'għandhomx bżonn ta' introduzzjoni meta tintervistahom, wieħed minnhom żgur li huwa **Trevor Żahra**. Għalliem, awtur ta' bosta kotba fuq diversi suġġetti, awtorità tal-Malti, membru ta' diversi għaqdiet letterarji u, fuq kollox, bniedem ġenjali, ħabib sinċier u ċajtier għall-aħħar. Rebbieħ ta' bosta premjijiet letterarji u, saħansitra, anki onorat mill-pajjiż li tant iħobb.

Jiena kelli x-xorti li nsir naf lil Trevor mill-qrib peress li, għal xi snin, konna ngħallmu flimkien fl-istess skola; l-iskola sekondarja tal-bniet taż-Żejtun, fejn kellna *locker* fl-*istaff room* li konna naqsmu flimkien. Meta ssir taf lil Trevor daqshekk mill-qrib, ma tistax ma ssirx ħabib tiegħu għal dejjem. Irrid nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil Trevor talli aċċetta l-istedina tal-magazin tagħna.

**Qabelxejn, nitolbok tgħidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni, il-familja sakemm ilħaqt il-grad tal-professjoni tiegħek, iż-żogħżija, eċċ, sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol.**



Trabbejt iż-Żejtun u, wara s-snin tal-iskola primarja, mort l-Iskola Sekondarja Teknika ta' Raħal Ġdid. Għandi memorji mill-isbaħ ta' din l-iskola li, dik il-ħabta (1960) kienet modernissima. Biżżejjed insemmi li kellna żewġ *gyms* bil-*parquet* u attrezzati b'kollox, laboratorji, *workshops* fornuti, saħansitra, bit-tornijiet u anki taqsima tal-*pottery* bil-fran immexxija mill-artist Gabriel Caruana. Matul il-brejk ta' nofsinhar, ma kont tara lil ħadd jitlajja. Kellna kull xorta ta' *clubs*; kull dixxiplina tal-isport, bini ta' kenuri, kor u *beat group*. Kont ukoll parti mill-kor taħt id-direzzjoni tat-tenur Pawlu Asciak. Imbagħad, mit-tielet sena lil hemm, bdejt ninxteħet bis-serjetà fuq l-arti u kont inqatta' l-brejks kollha fl-*art room*. Kelli x-xorti li l-għalliema tiegħi kienu l-artisti Ganni Bonnici u George Fenech. Imma, barra minn dan, kelli wkoll ix-xorti li nitgħallem il-Malti mingħand Johnny Testa, għalliem mill-aktar dedikat u entużjast.

**Bħala għalliem tal-Malti u tal-Arti niftakrek issemmi membri tal-familja tiegħek li kienu ta' ispirazzjoni għalik. Nies li huma wkoll taw kontribut fiż-żewġ oqsma. Qed nirreferi għal missierek, li kellu stamperija u kien joħroġ gazzetta bil-malti, u anki għaz-ziju l-pittur. Qed ngħid sew?**

Iva, missieri, Walter, kien membru tal-Għaqda Kitteba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) u kien hu li ħeġġeġ fija l-imħabba lejn ilsienna. Kien jaf ħafna kittieba personalment (Dun Karm, Karmenu Vassallo, Rużar Briffa, Ġużè Chetcuti) u laqqagħni ma' xi wħud minnhom. Fi tfuliti, missieri kellu wkoll stamperija u kien anki beda jippubblika rivista letterarja. Imma din qajla niftakarha. Hu ommi, kien il-pittur Ġużeppi Caruana li, meta miet, kelli sittax-il sena, imma xorta laħaq rawwem fija mħabba kbira lejn l-arti. Ma rridx ninsa nsemmi wkoll lin-nanna Mananni u liz-zija Nena. Kont inqatta' ħafna ħin għandhom u niftakarhom dejjem jirrakkontawli l-istejjer. In-nanna kienet taf ħafna poeżiji antiki bl-amment, leġġendi u ħrejjef kif ukoll rakkonti dwar il-familja. Infatti, **Il-Praspar ta' Kunċett u Marinton** ktibthom meta kelli xi erbatax-il sena u huma frott ta' dawn ir-rakkonti li kienet tgħidli n-nanna.

**Jien ixxurtjat li, fil-librerija personali tiegħi, għandi 'l fuq minn erbgħin pubblikazzjoni tiegħek. Ejja nitkellmu fuq il-karriera tiegħek ta' kittieb. Qabelxejn, nixtieqek tgħidilna kif bdiet u, imbagħad, issemmilna d-diversi kategoriji ta' kotba u l-ismijiet tagħhom. U, kif inkunu fuq das-suġġett, nitolbok ukoll tgħidilna l-premjijiet u l-unuri li rċevejt f'ħajtek bħala kittieb.**

Meta bdejt ngħallem il-Malti, bdejt ninduna bin-nuqqas kbir ta' kotba għat-tfal. Tneħħi dawk tal-iskola, tista' tgħid li ma kien hemm xejn. Għalhekk, fl-1971 (eżattament ħamsin sena ilu) ippubblikajt l-avventura għat-tfal, **Il-Pulena tad-Deheb**. Dik il-ħabta, ma kinux jeżistu Djar tal-Pubblikazzjoni u l-ktieb iffinanzjajtu kollu jiena. Minn hemm 'il quddiem, ma waqaftx nippubblika regolarment, kotba għat-tfal u għall-kbar li, illum, ilaħħqu 'l fuq minn mija u tletin ktieb.

Ir-rumanzett, **Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa**, li ppubblikajt fl-2007, naħseb li huwa l-aktar ktieb tiegħi li għamel suċċess, mhux biss stampajna minnu diversi edizzjonijiet, imma ġie ppubblikat ukoll bl-Ingliż, Franċiż, Norveġiż u Russu, waqt li l-verżjoni bit-Taljan qed tinħema. Is-sensiela ta' kotba ta' novelli **Lubien, Provenz, Sepja, Penumbra, Vespri, 365** u **Sempreviva**, huma l-aktar għal qalbi; waqt li, bħala xogħol ta' fantasija, **Is-Seba' Tronġiet Mewwija**,





għandu għalija post speċjali.

Nistqarr li, meta nirbaħ premju, dejjem ikolli sens kbir ta' sodifazzjon. Irbaħt il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, f'kategoriji differenti, dsatax-il darba. F'Diċembru 2004, irċevejt il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħi b'risq il-letteratura għat-tfal; fl-2012 ingħatajt l-Midalja tad-Deheb mis-Soċjetà tal-Arti u, fl-2018, irċevejt il-Midalja tad-Deheb mill-Akkademja tal-Malti. Imma, għalkemm, kif għidt, dawn ngħożżhom ħafna, għalija l-akbar premju jkun meta niltaqa' ma' xi ħadd li jgħidli li xi wieħed mill-kotba tiegħi għamillu l-ġid jew li, bis-saħħa tiegħi, beda jħobb il-qari.

**Ħafna jafuk ukoll għall-produzzjonijiet tal-palk. Tista' telenka l-kontribut tiegħek f'dan il-qasam?**

L-ewwel ma bdejt nikteb kienu reċti għall-iskola imma, fis-snin disgħin, il-mibki direttur tal-palk Karmenu Aquilina, ħajjarni u mbuttani biex nadatta għall-palk ir-rumanz tiegħi, **Is-Surmast**, li kont ippubblikajt għoxrin sena qabel. U, minn hemm, bdejt nikteb għall-palk b'aktar impenn. **Is-Surmast** konna tellajnieh sentejn wara xulxin fit-Teatru Manoel u, aktar tard, fit-Teatru tal-Università. Wara dan, kelli d-drammi, **Ħanut tal-Ħelu, Minn Wara ż-Żipp** u **Ritratti Sepja,** addattament tar-rumanz, **Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa, Il-Mitt Fehma tal-Kavallier John Giordimaina** u **Xagħriet Mewwija.**

**Issa li rtirajt mill-karriera tiegħek bħala għalliem, kif qed tqatta' ż-żmien? U x'messaġġ tixtieq tgħaddi lill-qarrejja ta' dan il-magazin?**

Issa nxtħitt kompletament fuq il-kitba u l-illustrazzjonijiet. Il-ġurnata tiegħi dejjem mimlija daqs bajda ... naqra, nirriċerka, nippjana, neditja, niskeċċja ... lanqas inkun naf il-jum kif itir. F'Ottubru li għadda, kelli operazzjoni serja u kont ħażin ħafna. Imma, għall-grazzja t'Alla, bil-mod il-mod, irkuprajt u ma domtx m'erġajt bdejt "noħlom." Għalija, ix-xjuħija mhix stat imma biss kundizzjoni. Nixjieħu tassew meta neqirdu minn ġo fina dak kollu li kien jinteressana u li jagħtina skop. Iva ... minn barra, il-ġisem hu dak li hu u m'hemmx x'tagħmel ... imma, minn ġewwa, inħoss li għadni tifel iblah u mqareb u li dejjem jara x'se jpaspar.

## Ittra mibgħuta lis-Sur Mario Fava – President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, wara laqgħa li saret fit-3 ta' Marzu 2022, mall-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Għażiż Sur Fava,

Kien ta' sodisfazzjon u ta' pjaċir għall-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani l-kuntatt li seħħ il-Ħamis, 3 ta' Marzu 2022 mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fiha, spjegajt fil-qosor l-għan tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kif ukoll dak li nwettqu għall-promozzjoni tal-anzjani fil-kommunità. Irridu naħdmu għal inkluzjoni aktar effettiva tad-drittijiet u d-dmirijiet tal-anzjani. L-inizjattiva ta' Dr Scerri dwar id-dimensja hi ta' min ifaħħarha u jagħtiha l-appoġġ meħtieġ.

Kif aħna fuq is-suġġett tal-anzjani, nixtieqek tgħin lill-Kunsill, li tiegħu jien il-President, biex naraw kif nistgħu ngħinu lil anzjani li qed ibgħatu minħabba nuqqasijiet fis-servizz mogħti lilhom mill-banek kummerċjali. Każijiet jissemmew fuq il-midja soċjali u jidher li l-problema mhix żgħira. Għal dan l-għan, għamilna kuntatt mal-MFSA li talbuna nibgħatulhom tagħrif konkret dwar każijiet speċifiċi. Għalhekk, tkun ta' għajnuna kbira, jekk għadd, anki żgħir, ta' Kunsilli Lokali mxerrdin ma' Malta u Għawdex, jagħtuna dettalji ta' każijiet speċifiċi mingħajr, naturalment, il-ħtieġa ta' dettalji personali tal-individwi.

L-għajnuna tagħkom hija mportanti u utli biex l-MFSA tkun tista' tindaga bil-għan li tnaqqas it-tbatija, speċjalment dik fuq l-anzjani.

Grazzi u nselli għalikom,

Peter Paul Bonnici
President,
Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani



# Xalata ta' *films*, dokumentarji u kunċerti waqt il-Covid 19

**Kitba ta' Joe C. Cordina**

Matul is-snin, seħħew bosta ġrajjiet li, minħabba fihom, ċerti snin baqgħu miftakrin iktar minn oħrajn. Ħafna drabi, sena tispikka minħabba xi ħaġa partikolari li tkun grat fiha u, l-aktar, ma' ċerti nies ta' xi raħal jew belt fejn tkun ġrat bħal, pereżempju, meta waqa' ajruplan fuq ir-Rabat u ieħor fuq Ħaż Żabbar jew meta splodiet xi kamra tan-nar.

Imbagħad hemm snin oħrajn li jibqgħu imfakkrin għax matulhom tkun ġrat xi ħaġa li ma tkunx marbuta ma' post wieħed imma tkun xi ħaġa li tolqot pajjiż sħiħ jew, xi drabi, anki lid-dinja kollha u lil kulħadd. Eżempju ta' dan huma s-snin tal-aħħar Gwerra Dinjija. Għal min jiftakarhom, dawk kienu snin ta' tbatija, ta' ħafna sagrifiċċji, ta' għadd ta' nies feruti u għadd ieħor ta' mwiet. Aħna li, forsi, dawn il-ġrajjiet m'għexnihomx jew ma niftakruhomx, żgur li nafu bihom mill-ġurnali jew mill-*films* u żgur ukoll li jġegheluna nirriflettu fuq dak li għaddew minnu missierijietna. Però, ma nistgħu qatt inkunu nafu eżatt minn xiex għaddew niesna għax, b'xorti tajba, aħna m'esperjenzajniex dik it-tbatija personalment.

Mis-sena l-oħra 'l hawn, ġew fuqna ċirkustanzi li ġabu magħhom ċerti tbatijiet, sagrifiċċji u anki mwiet. Fil-bidu tas-sena 2020, bdejna nisimgħu fuq ċertu *virus* li qalu li ħareġ miċ-Ċina li beda pandemija madwar id-dinja li laqqamniha covid dsatax. Ħawditna mhux ftit, speċjalment fil-bidu. Ingħalqu l-ħwienet, ir-restoranti u x'naf jien u bdejna nixtru l-bżonnijiet tagħna *on line*. Fl-istess ħin, aħna ngħalaqna fi djarna waqt li l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika bdew jieħdu miżuri ta' protezzjoni li, għalina, kienu mingħajr preċedent. Bdejna nilbsu l-maskri, għollejna l-i*standards* tal-iġjene personali, bdejna naħslu jdejna iktar spiss, nużaw il-*wipes* u s-*sanitiser*, nevitaw il-folol u l-attivitajiet tal-massa u nirrispettaw id-distanza soċjali. Saħansitra anki l-knejjes għalqu u l-quddies bdejna nisimgħuha mid-dar fuq it-televiżjoni. Tista' tgħid li bdejna kważi nibżgħu minn xulxin.

Anki x-xjenzati tħawdu sakemm irnexxielhom joħolqu vaċċin kontra dan il-*virus*. Din l-aħbar nisslet it-tama u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tad-dinja daħlu f'tellieqa ħalli jfittxu jordnaw dan il-vaċċin u, fosthom, anzi, minn ta' quddiem nett, kien hemm Malta. Xi ftit tas-sulluzzu kellna wkoll u n-numri daqqa jinżlu u oħra jerġgħu jibdew telgħin. U kulħadd beda jara x'ser jagħmel jekk ikollna nerġgħu ningħalqu ġewwa jew jekk ikollna nagħmlu xi żmien ta' kwarantina.

Ngħid għalija, tgħallimt ninnavika fil-*youtube* u kelli xalata sħiħa nara l-programmi li jogħġbuni, id-dokumentarji u l-*films*. Bdejt infittex *films* antiki bħal, *The Vagabond King* li, fih, kien ħadem l-artist Malti (u Ħamruniż) Oreste Kirkop. Erġajt iltqajt ma' *films* kollossali ta' Ċeċile B. Demille bħal, *The Ten Commandments, Ben Hur, The Robe, Dimitrius and the Gladiators, Spartacus* u oħrajn li, meta kont iżgħar, kienu jimlew is-swali taċ-ċinema bin-nies. B'ċerta nostalġija, bdejt anki nara *films* tal-*cowboys* u l-Indjani u nitbissem waħdi meta niftakar kif, bħala tfal, konna noħorġu mit-*talkies* nisparaw lil xulxin taparsi bir-*roverver* u nwerżqu qiesna mġienen bħall-Indjani.

Skoprejt ukoll għadd ta' dokumentarji interessanti; xi wħud antiki u oħrajn iktar reċenti. Ċerti dokumentarji laqtuni iktar minn oħrajn, speċjalment xi wħud reċenti li, fihom, ġurnalisti kuraġġużi jissugraw ħajjithom biex jiksbu tagħrif u jieħdu ritratti biex jużawhom fid-dokumentarji tagħhom. Insemmi l-ġurnalisti li rikbu fuq lanċa tal-pirati u marru magħhom klandestinament biex, meta javviċinaw xi *tanker*, joħduh f'idejhom u jitolbu somma enormi ta' flus biex jeħilsuh. Jew dawk li jagħmlu dokumentarji fuq il-kutrabandu tad-droga, traffikar ta' bnedmin, prostituzzjoni u affarijiet illeċiti oħrajn bħal dawn.

Minbarra d-dokumentarji u l-*films*, skoprejt ukoll bosta kunċerti sbieħ ta' mużika klassika. Fost dawk li saru popolari mieghi, hemm il-kunċerti kolossali ta' Andre Rieu. Dawn ukoll laqtuni sew u, illum, jiddispjaċini mmens li, għalkemm ġieli kont smajt bihom qabel, qatt ma tħajjart immur nara xi wieħed minnhom. Minbarra l-mużika ħelwa li fihom, il-kunċerti ta' Andre Rieu joffru spettaklu tassew mill-isbaħ. Andre Rieu huwa *entertainer* per eċċellenza u għandu ħabta kif biċċa mużika klassika, arja minn opra jew valz Vjenniż idawwarhom fi spettaklu li jinżel tant tajjeb mal-folol kbar li jmorru jisimgħuh. Għandu ħabta wkoll inissell tbissima fl-udjenzi tiegħu u anki l-ħila biex jinvolvi l-pubbliku fil-biċċiet tal-mużika li jkun qed jesegwixxi.

Sewwa jgħid il-Malti li kull deni ħudu b'ġid għax illum, anki jekk m'għadniex bir-restrizzjonijiet li kellna qabel, xorta waħda bqajt indur għal *youtube* malli nara li, fuq it-*television*, m'hemmx programmi oħrajn li jogħġbuni jew jinteressawni.

**Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.**

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna email fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.

# Il-kompożitur Żebbuġi - Dun Pietro Paolo Pullicino

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Ili nikteb dwar personaġġi li baqgħu magħrufin għax għamlu isem fil-qasam mużikali internazzjonali. Però dan ma jfissirx li m'hemmx, jew ma kienx hemm, Maltin bħalna li taw kontribut mużikali enormi u, saħansitra, xi wħud minnhom, anki huma magħrufin barra minn Malta. Mil-lum 'il quddiem, ser nibda nġibhom għall-attenzjoni tagħkom u, ħalluni nghidilkom minn issa, hemm għadd ġmielhom minnhom. Illum, ser nibda b'kompożitur li twieled, għex u miet fir-raħal ta' Ħaż Żebbuġ, Malta. Qed nirreferi għal **Pietro Paolo Pullicino** li kien qassis u *Maestro di Cappella* tal-parroċċa ta' Ħaż Żebbuġ li, għaliha, ikkompona ħemel xogħlijiet mużikali.

Ħsibt li nikteb dwar dan il-kompożitur Żebbuġi wara li, dan l-aħħar, smajt intervista li kont għamilt ħafna snin ilu lil Joe Vella Bondin, storiku magħruf sewwa fil-qasam tal-mużika ta' pajjiżna. F'din l-intervista, fost diversi kompożituri oħrajn, is-Sur Vella Bondin semma lil Pietro Paolo Pullicino. Naturalment, is-Sur Vella Bondin semma lil dan il-kompożitur kemm għall-importanza tiegħu fil-qasam tal-mużika kif ukoll għax jaf li Pietro Paolo Pullicino kien Żebbuġi bħali u, allura, ta' interess speċjali għalija. Jiddispjaċini ngħid ukoll li s-Sur Vella Bondin qalli li hija ħasra kbira li ħafna mix-xogħlijiet mużikali ta' Pullicino huma mitlufin.




Ngħid għalija, din kienet daqqa qawwija li ħassejtha sewwa u, minnufih, staqsejt lili nnifsi: jekk Pullicino kkompona xogħlijiet mużikali għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, mela fl-arkivji tal-parroċċa hemm xi xogħlijiet tiegħu? U, jekk hemm, mela ejja nfittxu nuruhom id-dawl għax Dun Pietro Paolo Pullicino huwa kompożitur Malti importanti ħafna tas-seklu tmintax.

Pietro Paolo Pullicino twieled Ħaż Żebbuġ fit-30 ta' Ġunju, 1725 u miet fil-Festa tal-Kunċizzjoni, nhar it-8 ta' Diċembru tal-1786, fl-età ta' wieħed u sittin sena. Beda l-istudji mużikali tiegħu ma' Mikielangelo Vella u kompla jistudja l-mużika f'Napli sa ma kellu madwar disgħa u għoxrin sena. Pullicino kien jaf sewwa lill-famuż kompożitur Malti mir-Rabat, Francesco Azopardi. Infatti, meta jiġu biex jiktbu dwar il-kompożitur Francesco Azopardi, ħafna studjużi u riċerkaturi spiss jagħmlu referenza wkoll għall-kitba tal-kompożitur Żebbuġi, Pietro Paolo Pullicino.

Sa minn kmieni, Pullicino kellu żewġ vokazzjonijiet: waħda soda għas-saċerdozju u inklinazzjoni qawwija għall-mużika. Tradizzjonalment, Pietro Paolo twieled ġo familja ta' nutara għax kemm missieru, Arcangelo Pullicino, kif ukoll missier missieru, it-tnejn kienu jħaddmu l-professjoni ta' nutar.

Waqt tiftix li għamilt bl-għajnuna ta' Joe Vella Bondin, il-Monsinjur Ġwann Azzopardi li, għal ħafna snin, kien Kuratur tal-Mużew tal-Katidral u tal-Mużew Wignacourt tar-Rabat, għarrafni li kemm fil-Mużew Wignacourt kif ukoll fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina hemm xogħlijiet ta' Pietro Paolo Pullicino. Mons. Azzopardi qalli wkoll li l-mużika ta' Pullicino hija sparpaljata u li ċertu Richard Divall, Awstraljan u mużikologu, ħadem fuq xi xogħlijiet minn tiegħu. Ta' min jgħid ukoll li, fil-ktieb tiegħu, *Il-Mużika ta' Malta sal-aħħar tas-seklu tmintax*, Joe Vella Bondin jgħid li madwar tletin kompożizzjoni ta' Pullicino jinsabu fl-Arkivju Mużikali tal-Kunvent tal-Karmnu, fl-Imdina.

Pietro Paolo Pullicino kiteb il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet mużikali tiegħu bejn l-1762 u l-1767, meta kellu bejn sebgħa u tletin u tnejn u erbgħin sena. Kien x'aktarx f'dawk iż-żminijiet li Dun Pietro Paolo kien *Maestro di Cappella* tal-parroċċa ta' Ħaż Żebbuġ għax il-mużika li kkompona l-aktar li kienet għal żewġ soprani u baxx; aktarx il-vuċijiet disponibbli għalih dak iż-żmien fil-*Cappella di Musica* ta' Ħaż Żebbuġ. Ngħid ukoll li, f'dawk iż-żminijiet, Ħaż Żebbuġ dejjem kellu *Maestri di Cappella* mill-aqwa, fosthom Mikielanġ Vella u l-famuż Francesco Azopardi. Imma, dwar dawn, aktar 'il quddiem f'din is-sensiela.

Is-Sur Joe Vella Bondin qalli li l-idjoma barokka tinħass sewwa fix-xogħlijiet mużikali ta' Pietro Paolo Pullicino; xogħlijiet ta' mużika sagra b'enfasi fuq il-vuċi. Jidher ukoll li, fil-kitba mużikali tiegħu, dan il-kompożitur Żebbuġi kien intenzjonat li jsostni l-liturġija, mhux jiddominaha. Minn dan, wieħed jikkonkludi li, b'hekk, Dun Pietro Paolo Pullicino kien qed jaqdi ż-żewġ funzjonijiet importanti tiegħu; dik ta' saċerdot eżemplari li jgħin il-liturġija u dik ta' kompożitur u *Maestro di Cappella*.

Jiena ċert li ħafna huma dawk li jaqblu miegħi li dan iż-Żebbuġi jistħoqqlu għarfien aħjar; aktar u aktar, fir-raħal tiegħu. Dan is-saċerdot u kompożitur qatt ma abbanduna raħal twelidu. Ħadem ħafna fil-qasam tal-mużika u, għal bosta snin, kien *Maestro di Cappella* tal-Knisja ta' Ħaż Żebbuġ. Id-dar tal-familja Pullicino kienet wara l-Knisja Parrokkjali. Fil-ktieb tiegħu, Dun Salv Ciappara, studjuż tal-istorja ta' Ħaż Żebbuġ, jgħid li, fid-dar tagħhom, kien hemm kwadru ta' Pietro Paolo Pullicino. Fost ix-xogħlijiet mużikali ta' dan il-bravu kompożitur Żebbuġi li jsemmi Dun Salv Ciappara fil-ktieb tiegħu, insibu *Messa prima* tal-1754, *Messa de Requiem* tal-1765 u *Domine Ad Adjuvandum,* kompożizzjoni tal-1782, erba' snin qabel ma miet.

# Il-Liżar ta' Turin – It-tieni parti

**Kitba ta' Anthony Cardona**

**L-istorja tal-Liżar tkompli**



Fl-1389, l-Isqof ta' Troyes, Pierre d'Arcis, li ma kienx jemmen li l-Liżar kien il-kefen ta' Kristu, bagħat ittra lill-Papa biex jgħidlu li l-immaġini tal-Liżar kienet pittura u li hu kien iddenunzjah bħala falz u saħansitra ried li jingħata l-permess biex jikkonfiskah imma l-Papa Clement V11 ma ħalliehx u, fis-6 ta' Jannar 1390, ħareġ digriet biex din ir-relikwa tkun venerata bħala ikona tal-fidi.

Fl-1452, Margerita ta' Charny, in-neputija ta' Goffredu, ċediet din ir-relikwa f'idejn Anna ta' Lusignano, mart id-Duka ta' Savoja li, biex iħarisha, bena l-kappella famuża ta' Chambery. Imma, fl-4 ta' Diċembru tal-1532, nirien qawwija ħakmu u qerdu l-kappella u għal ftit ma nqeridx il-Liżar ukoll Dan, li kien mitwi fi tmien darbiet u ppreservat ġo kaxxa tal-ħġieġ indurata bil-fidda, ġarrab xi ħsarat meta dabet il-fidda u ħarqet partijiet żgħar minnu. Is-sorijiet Klarissi sewwew mill-aħjar li setgħu il-partijiet maħruqin li għadhom jidhru sal-lum bħala rqajja' trijangulari. Għadhom jidhru wkoll it-tbajja' tal-ilma li twaddab fuq in-nirien biex il-Liżar ma jinqeridx. Fl-1578, biex iqassar it-triq lil San Karlu Borromeo li kien għamel wegħda li jaqsam l-Alpi bil-mixi biex iżur il-Liżar, id-duka ta' Savoja, Manwel Filiberto, ordna li l-Liżar jittieħed fil-Katidral ta' Turin. Fl-1694, Sebastian Valfrè għamel xi tiswijiet fuq il-Liżar biex itejjeb ix-xogħol li kienu għamlu s-sorijiet Klarissi u, fl-1868, saru tiswijiet oħrajn mill-prinċipessa Maria Clotilde ta' Savoja. Sadattant il-Liżar baqa' ikona tal-fidi li jżuruha għadd kbir ta' nies.

Fil-25 ta' Mejju 1898, f'Turin kien hemm wirja pubblika tal-Liżar. Damet tmint ijiem u marru jarawha mal-miljun viżitatur. Fosthom, kien hemm il-fotografu dilettant Secondo Pia, li kien avukat, u dan ingħata l-permess jieħu r-ritratti tal-Liżar. Ħa l-ewwel ritratt fit-28 ta' Mejju u, meta żviluppah, ħaġa tal-għaġeb, in-negattiva wriet stampa ħafna iktar ċara u dettaljata tal-karatteristiċi kollha li kien hemm moħbija fl-immaġini mitfija fuq il-Liżar. Secondo Pia uża sistema ġdida bil-bozoz tal-elettriku li kien ivvinta Thomas Alva Edison fl-1879 u fin-negattiva ħarġet ix-xbieha ta' Kristu bil-ġmiel kollu tagħha. Huwa ħaseb li fin-negattiva ser jara l-istess ħaġa li kien hemm fuq il-Liżar, bil-partijiet ċari jidhru skuri u bix-xellug invertit għal-lemin. Qatt ma basar li kienu se joħorġu dawk id-dettalji kollha! Xi nies xettiċi qalu li r-ritratti ta' Pia kienu immanipulati u ma kinux ġenwini. Sadattant, mill-1898 sal-1931, il-Liżar baqa' magħluq ġol-kaxxa fil-kappella ta' Turin. Kien hemm ħafna nies awtorevoli li ppruvaw jiksbu l-permess biex jiftħu l-kaxxa ħalli jeżaminaw il-Liżar imma kollu għalxejn. Fl-1931, fl-okkażjoni taż-żwieġ tal-prinċep eredi ta' Savoja, l-awtoritajiet iddeċidew li jesponu l-Liżar fil-pubbliku imma x-xjenzati ma tħallewx jistudjawh. Però, ingħata permess jittieħdu r-ritratti u l-Arċisqof ta' Turin, il-Kardinal Maurilio Fossati, ħatar lil Ġużeppe Enrie, fotografu magħruf, biex jieħu iktar ritratti tal-Liżar u dan kellu l-istess riżultat bħal ta' qablu. Fir-ritratti, dehru ħafna iktar dettalji ġodda li qabel ma kinux jidhru fl-immaġini mitfija ta' fuq il-Liżar. Enrie ħa ritratti mkabbra ta' tliet sezzjonijiet: riproduzzjoni tal-wiċċ imkabbar id-daqs ta' persuna vera, ritratt mill-qrib tal-ispallejn u d-dahar u ritratt imkabbar tal-ġerħa fil-polz tal-lemin. Ħa wkoll ritratt imkabbar għal seba' darbiet tat-tessut tad-drapp. Dawn ir-ritratti ttieħdu bi prekawzjoni kbira quddiem ħafna xhieda, anki quddiem nutar, biex żgur ma jinqalgħux akkużi ta' frodi bħalma kien ġara fil-każ ta' Secondo Pia. Dawn ir-ritratti kkonfermaw li l-immaġini ta' fuq il-Liżar ma kinitx pittura imma immaġini ta' bniedem veru.

Fl-1933 saret wirja pubblika oħra tal-Liżar fl-okkażjoni tad-dsatax-il ċentinarju tal-Fidwa. Dawn l-avvenimenti qanqlu lil ħafna nies u bdiet il-ġirja għal iktar riċerka minn għadd ta' studjużi. Fl-1969, il-Kardinal Michele Pellegrino qabbad lil Dr Judica-Cordiglia jieħu iktar ritratti, inkluż ritratti bir-raġġi *ultra*-vjola u *infra*-aħmar bil-kulur. Cordiglia uża teknika speċjalizzata bil-kompjuter biex ikollu riżultati iktar elaborati tal-immaġini u, bl-użu ta' *filters* apposta, irnexxielu joħroġ iktar dettalji. Xi wħud minn dawn id-dettalji kienu studjati waqt konvenzjoni li saret fl-1977 f'Albuquerque, l-Istati Uniti, fejn, għall-ewwel darba, setgħu jaraw l-immaġini b'teknika tridimensjonali. Sena wara, komplew jittieħdu iktar ritratti b'teknika iktar moderna u sofistikata. Kien wasal iż-żmien biex ix-xjenzati janalizzaw dan il-Liżar bir-reqqa kollha. Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, il-Liżar baqa' jiġbed dejjem iktar l-attenzjoni ta' ħafna studjużi u xjenzati minn madwar id-dinja. Fl-1983, id-dar ta' Savoja għaddiet il-Liżar f'idejn is-Santa Sede.

Fl-1988 sarulu testijiet tal-*carbon 14* biex jiġi stabbilit ta' liema epoka kien il-Liżar. Ir-riżultat kien sorprendenti. Sabu li l-Liżar kien ta' żmien il-Medjuevu, bejn l-1260 u l-1390. Imma ħafna riċerkaturi u xjenzati ma qablux għax qalu li, minħabba s-shanat tan-nirien li kienu ħakmu l-kappella ta' Chambery, il-*carbon 14* ma setax jagħti riżultat li tista' torbot fuqu. Il-kontroversja ma waqfitx u l-Liżar huwa l-iktar artifatt fid-dinja li għadu qed jiġi studjat. Ix-xjenza moderna teskludi li l-Liżar huwa l-prodott ta' xi pittur mhux magħruf tal-Medjuevu li, b'sengħa kbira, seta' pitter dik ix-xbieha anatomika daqslikieku kienet negattiva fotografika.

It-tislib mill-polz minflok mill-pala tal-id ma kienx magħruf mill-artisti taż-żminijiet tan-nofs. Il-qbil eżatt tal-Liżar mal-anatomija, il-kirurġija, iċ-ċirkolazzjoni tad-demm, in-newroloġija u ħafna oqsma xjentifiċi oħrajn, ilkoll jikkonfermaw li l-Liżar fih l-impronti vera ta' bniedem li bata l-kruċifissjoni bħalma bata Ġesù.

Fl-1997, il-kappella tal-Katidral ta' Turin ukoll inħakmet minn nirien qawwija imma l-pumpiera rnexxielhom johorġu r-relikwa sħiħa fil-ħin qabel setgħet iġġarrab xi ħsara. Wieħed mill-pumpiera, Mario Trematore, meta ra l-periklu li l-Liżar seta' jintilef, qabad mazza tal-ħadid, kisser il-ħġieġ oħxon tal-kaxxetta tal-fidda li kien fiha u, bl-għajnuna ta' sħabu, ħarġu r-relikwa barra l-Katidral bla mittiefsa.

Wara studji kbar li saru fuq il-Liżar, il-Knisja la tapprovah uffiċjalment bħala l-kefen ta' Kristu u lanqas tiċħdu. Iktar ma jgħaddi żmien, donnu iktar qed jidher li l-Liżar huwa awtentiku, anki fid-dawl ta' dak li qed isibu x-xjenzati bħall-kriminoloġista Żvizzeru, Max Frei li, fuq il-Liżar, sab traċċi mikroskopiċi ta' trab safrani iffossilizzat li huwa tal-istess għamla bħal dak li jinsab fi pjanti fil-Palestina. Hemm ukoll ħafna provi oħrajn, fosthom l-analiżi mill-esperti tan-NASA li ħadu ritratti tridimensjonali tax-xbieha fuq il-Liżar u sabu li l-immaġini hija awtentika. Fl-2013, il-Papa Franġisku rrefera għalih bħala ikona ta' bniedem ifflaġellat u msallab li ma fih xejn li jmur kontra dak li hemm miktub fl-Evanġelju.

# L-Evanġelista San Mark

**jikteb Fr Charles Buttigieg**



Il-Knisja tiċċelebra l-festa tal-Evanġelista San Mark nhar il-25 ta' April. Ġwanni Marku, bin Marija ta' Ġerusalemm, huwa l-awtur tat-tieni evanġelju. Kien ta' nisel Lhudi u kien jiġi wkoll in-neputi ta' Barnaba, il-missjunarju ħabrieki ma' San Pawl li, imbagħad, meta nfired minn Pawlu, Barnaba ħa miegħu lil Mark. Aktarx li missieru kien jismu Aristobulus u kien jiġi ħu Barnaba. Wara, San Mark ingħaqad ma' San Pietru u kien dixxiplu tiegħu f'Ruma u mingħandu żgur li ħa ħafna tagħrif għal vanġelu tiegħu. Fid-dar t'ommu Marija, kienu jiltaqgħu l-appostli u l-ewwel insara u, għalhekk, żgur li sema' lill-appostli jitkellmu dwar il-ħajja ta' Ġesù. Fil-fatt, skont tradizzjoni antika ħafna li ġejja minn Papija, isqof ta' Gerapoli fil-Frigja, Mark kien interpretu ta' Pietru. Dan hu sostnut ukoll minn Klement ta' Lixandra, Irinew, Tertulljanu, u Origine. Nerġgħu naraw lil San Mark ma' San Pawl fl-ewwel priġunerija f'Ruma u qabel il-martirju, fejn San Pawl jibgħat għalih ma' Timotju.

Fil-fatt, il-Bażilika ta' San Mark fil-*Campidoglio*, hija marbuta mas-soġġorn tiegħu ġewwa Ruma. Huwa jissemma sitt darbiet fl-Atti; tliet darbiet f'San Pawl u anki San Pietru jsemmih. Skont il-Katina tad-Deheb, huwa kien levita tat-tempju. Flimkien ma' Barnaba, huwa marbut mal-kristjaneżmu ġewwa l-Eġittu u fil-Libja. Kitba Latina anti-Marċjonita tlaqqmu *cologbodactylus* li tfisser li kellu swaba qosra u, skont l-Atti, Marku kellu wiccu tawwali. Huwa kiteb il-vanġelu bejn is-sena 65 u s-sena 75 A.D.; aktarx wara l-mewt ta' San Pietru. Il-vanġelu tiegħu huwa l-iqsar wieħed b'sittax-il kapitlu. Inkiteb ġewwa Ruma, kif jgħidilna wkoll il-prologu anti-Marċjonita tal-170, u nkiteb għall-qarrejja ta' nisel pagan. Inkiteb, għalhekk, fi żmien il-persekuzzjoni ħarxa ta' Neruni li bdiet fis-sena 64 ġewwa Ruma. San Klement jikteb b'mod ċar li l-evanġelju nkiteb ġewwa Ruma. F'*Kontra l-Ereziji,* Sant' Irinew jikteb b'mod ċar li, bħala dixxiplu u interpretu ta' Pietru, San Mark kiteb l-opra tiegħu wara l-mewt ta' San Pietru u San Pawl. Huwa jikteb bil-Grieg sempliċi u, fil-fatt, jispjega kliem bl-Aramajk, drawwiet u festi tal-Lhud u fih diversi kliem b'rabta mal-Imperu Ruman.

Huwa jibda l-evanġelju bil-kliem: "Bidu tal-Evanġelju ta' Ġesù, Messija, Bin Alla". Fil-vanġelu naraw il-ministeru ta' Ġesù fil-Galilija fejn naraw lil Ġesù fis-sinagoga jkeċċi lix-xitan u jfejjaq raġel b'idu niexfa; l-għażla tal-appostli u parabboli u mirakli fejn naraw ukoll li l-profeta mhuwiex milqugħ f'pajjiżu; il-missjoni ta' Ġesù u tad-dixxipli u l-misteru ta' Bin il-Bniedem: "In-nies min jgħidu li jien?" fejn naraw il-mixja ta' Ġesù lejn Ġerusalemm, li hija l-mixja tad-dixxiplu; għandna wkoll id-dilka ta' Betanja li tħabbar id-dilka tal-ġisem ta' Ġesù. It-teoloġija biblika tal-evanġelju hija mibnija fuq żewġ punti essenzjali fil-vanġelu, il-Kristoloġija (min hu Ġesù) u d-Dixxipulat (ir-Risposta għal Ġesù) liema punti huma relatati mat-tema tas-Saltna. Hemm min jitkellem ukoll mill-Vanġelu Sigriet ta' Marku li jeżisti f'Lixandra u li huwa itwal mill-vanġelu kanoniku. Però, l-eqdem manuskritt bibbliku li fih il-vanġelu ta' San Mark huwa l-papiru 45 li huwa tat-tielet seklu A.D. Is-simbolu tal-evanġelju huwa l-iljun għax Marku jibda l-opra tiegħu bl-għajjat ta' Ġwanni l-Battista fid-deżert.

San Mark ħa l-martirju ġewwa Lixandra fi żmien it-tieni Papa San Linu, jiġifieri, bejn is-sena 67 u 76 W.K. Skont l-Atti ta' Mark, il-martirju seħħ fil-periferija tal-lvant ta' Lixandra, eżattament ġewwa *Ta' Boukolu*. Huwa meqjus bħala l-Appostlu tal-Afrika u bħala l-Ewwel Papa tal-Knisja Kopta. Il-fdalijiet tiegħu nġiebu ġewwa Venezja fis-sena 829 A.D. Il-bdiewa għandhom il-qawl li jgħid li, *Nhar San Mark, ix-xita nar fl-art*, jiġifieri, li, wara l-25 ta' April, ix-xita tkun ta' ħsara għall-għelieqi tagħhom.

# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**

## Is-Sacra Infermeria



Xieraq li, qabel ma nagħlaq din is-sensiela, ngħidu wkoll xi ħaġa żgħira dwar wieħed mill-ġojjelli ta' pajjiżna; is-Sacra Infermeria, li tmur ħafna ma' dan is-suġġett li ttrattajna f'din is-sensiela dwar l-Istorja tal-Mediċina.

Hawn min għadu jsejħilha n-*Knightshall* u hawn min jirreferi għaliha bħala Dar il-Mediterran għall-Konferenzi imma s-Sacra Infermeria, kif kien l-isem oriġinali tagħha, inbniet mill-Gran Mastru La Cassiere fis-sena 1574, aktarx mill-arkitett Malti Ġlormu Cassar. Il-bini tas-Sacra Infermeria huwa ta' daqs kbir imdawwar rminn erba' triqat; Triq l-Irlandiżi, Triq it-Tramuntana, Triq il-Merkanti u Triq l-Isptar il-Qadim. Is-sala prinċipali, li hija kkunsidrata bħala l-itwal waħda mingħajr kolonni jew pilastri fl-Ewropa kollha, fiha aktar minn 153 metru tul u ġiet kompluta mill-Gran Mastru Cottoner għall-ħabta tal-1664. L-għadd ta' sodod f'dan l-isptar fl-aħħar tas-seklu tmintax kien ta' madwar 550 li, f'każ ta' bżonn, seta' jiżdied għal madwar 900 sodda.



Meta ġie Napuljun Malta fl-1798, huwa wżah għat-truppi Franċiżi msakkrin fil-Belt fi żmien l-Imblokk. Wara l-miġja tal-Ingliżi fl-1800, dawn għamluh l-isptar militari ewlieni tagħhom u, fl-Ewwel Gwerra Dinjija, kienu kkurati fih eluf ta' suldati Ingliżi, Awstraljani u minn New Zealand. Dam sptar sal-1920 meta l-post sar id-Depot, jew il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u dam hekk sal-1940.

Fi żmien it-Tieni Gwerra, in-Knightshall serva għad-divertiment tat-truppi Ingliżi u Maltin u fih kien isir il-*boxing*, wiri ta' *films* u *shows* ta' varjetà. Wara t-Tieni Gwerra, ġew imqiegħda fis-Sacra Infermeria n-nies li d-djar tagħhom kienu qed jitwaqqgħu fir-rikostruzzjoni tal-Mandraġġ.

Fl-1951, il-post ħa l-isem ta' in-*Knightshall* u beda jintuża minn kumitat imwaqqaf mill-gvern għal opri u rappreżentazzjonijiet teatrali oħrajn, fosthom, *shows* għat-tfal tal-iskola. Bħala tifel tal-primarja fis-snin ħamsin, jiena niftakarni joħduna n-*Knightshall* biex naraw ir-reċti u anki jien irreċtajt fuq il-palk tan-*Knightshall* meta kont għadni żgħir ħafna.

Sal-1971, is-sala prinċipali kienet tintuża wkoll bħala post fejn isir l-għadd tal-voti fl-elezzjonijiet ġenerali kif ukoll għall-biċċa l-kbira tal-eżamijiet pubbliċi għal bosta snin. Jien għamilt il-*GCE's* hemmhekk fis-snin sittin.

Wara, sfortunatament, is-Sacra Infermeria għamlet bosta snin mitluqa, abbandunata u żdingata biex, fl-1979, il-Gvern Malti daħal għal sfida enormi biex inaddafha, jirrangaha, jirrestawraha u jirrippristinaha fi żmien qasir ta' tliet xhur ħalli, fiha, tkun tista' ssir konferenza internazzjonali importanti li, għaliha, attendew ħafna kapijiet u delegati minn diversi pajjiżi tad-dinja. Għal din il-bravura, ftit wara, dan il-post ingħata l-*Europa Nostra Diploma of Merit* u, minn żmien għal żmien, fih baqgħu isiru konferenzi ta' livell kemm nazzjonali u anki internazzjonali, fosthom il-*Valletta Summit on Migration* kif ukoll il-*Commonwealth Heads of Government Meeting (iċ-CHOGM)* li sar fis-sena 2015. Għaldaqstant, mhux ta' b'xejn li, għal darba oħra, is-Sacra Infermeria reġgħet bidlet isimha u bdiet tissejjaħ il-*Mediterranean Conference Centre* jew inkella Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

# Il-Beżżul

**storjella ta' Jordy-Paul Gellel**

Minn dejjem kien żvinturat. Għalhekk qatt ma rriskja. Jibża' jkellem tfajla għax kien ċert li twaqqgħu għaċ-ċajt. Jibża' jibdel ix-xogħol għax kien żgur li l-kumpanija l-ġdida tfalli. Jibża' jduq platt differenti għax ma kellu ebda dubbju li l-ikel ma jaqbilx miegħu. Imma, minkejja li kien jaħseb li hu beżżul, xorta kien jieħu biljett tal-lotterija darba kultant. U darba rebaħ! L-ammont ma kienx żgħir; 'il fuq minn miljun ewro. "Ħallieha li, probabbli, ma rbaħtx waħdi," ħaseb, "u x'aktarx ikolli naqsam il-premju ma' xi tnejn, tlieta jew erbgħa oħra." Wara l-ferħ, ġieh id-dubbju jekk il-biljett kienx stampat ħażin, minkejja li kien ilu jagħmel l-istess ħaġa fl-istess banka s-snin. Iċċekkja u ħa r-ruħ; il-biljett tajjeb kien.

Iddeċieda li jiċċelebra. Ħa banju, biddel u daħal fil-karozza. Imma, kif dawwar iċ-ċavetta ftakar; "Jien beżżul! Imħatra li, issa, li rbaħt somma flus, naħbat u nispiċċa ġo *wheelchair*." Dakinhar ma ħariġx. Il-flus waslu! Il-kont tal-bank tiegħu qatt ma kien ra daqstant zerojiet. Imma ngħalaq ġewwa. Xogħol ma kellux għalfejn imur. Beża' joħroġ għax il-ħsieb ta' xi aċċident baqa' jberren f'moħħu. Beża' jsiefer li ma jmurx jiġġarraf l-ajruplan. Baqa' waħdu; id-dar; iddisprat! U dejjem igedwed, "Ara veru trid tkun beżżul biex tirbaħ il-lotterija!"

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Anki l-kbar jitolbu l-barka

Ommi kienet tqum, tirranġa d-dublett, tqiegħed is-siġġu f'postu mal-ħajt u tgħidilna biex nersqu lejn is-sodda u ngħidu benedizzjoni liz-zija. "Alí, alí, alí." Iz-zija tas-sodda kienet titħarrek ftit, toħroġ idejha lejna u tmellsilna wiċċna. Titbissmilna u donnha se tinfaqa' tibki. Għajnejha fondi, biż-żlieġa, mixtieqa. Konna nibżgħu minnha, ma konniex miġbudin lejha wisq u ma kellniex għalfejn. Ma kellhiex xortiha tajba wisq.

"Issa morru għidu benedizzjoni liz-ziju Ġużeppi.! Iz-ziju kien iwaqqaf ħesrem it-tbandila tas-siġġu b'saqajh u jipprova jqum fuq qaddu biex isellmilna. "Kunu mberkin u kunu tfal tajba. Tħobbuh lill-Bambin?"

"Iva," konna nweġbuh bi tkaxkira, moħħna biex infittxu nitilqu. Ma kienx hemm għalfejn li ommi tgħidilna biex nitolbu l-benedizzjoni taz-zija Ċikka li, issa, kienet tkun qamet bil-wieqfa u bdiet taħseb x'se tagħtina. Borża ħelu, jew galletti tas-smida, jew ftit qagħaq bil-ġunġliena. Kienet taqbdilna wiċċna b'idejha kbar, fondi u tbusna waħda kbira fuq moħħna.

"Benedizzjoni Zi," kienet tgħidilha ommi. Anki l-kbar, mela, jitolbu l-barka!

"Benedizzjoni Zi," konna ngħidu warajha u nibdew mexjin lejn il-kuritur biex infittxu noħorġu 'l barra. Forsi konna norbtu jdejna xi drabi. Kien il-mument li nuru li konna tfal bil-għaqal.

Iz-zija Ċikka kienet timxi warajna sal-bieb, tieqaf fuq l-għatba, ixxejrilna bi tbissima miksura u tibqa' hemm sa ma nduru mal-kantuniera. Aħna u sejrin lura d-dar bil-karozza tal-linja, wara dan il-vjaġġ li, għalina, kien ghadu vjaġġ twil imma mhux daqs ta' Għawdex, konna nassedjaw lil ommi bil-mistoqsijiet:
"X'jiġifieri alí, alí, alí, Ma?"
"Allura z-zija qatt ma tqum mis-sodda, Ma?"
"Għaliex iz-ziju ma tantx jitkellem, Ma?"
"Għaliex kollha ma żżewġux, Ma?"

Ommi kienet tipprova tlaħħaq magħna u tweġibna kollox kif tista'. F'dik id-dar kien hemm tfulitha kollha, l-ewwel tamiet tagħha għal ħajja ftit aħjar. Minn hemm, ħarġet biex tiżżewweġ u, minn hemm, telqet fil-vjaġġ taż-żwieġ lejn il-Furjana ta' żewġha. Distanza żgħira, distanza kbira, vjaġġ ta' differenza kbira bejn kultura u oħra, differenza wisq akbar milli qatt tista' tidher. Ħarġet minn hemm bis-saħħa ta' zijietha u, għalhekk, baqgħet grata lejhom tul għomorha kollu. Minn naħa tagħhom, huma baqgħu jqisuha bħala binthom u tawha l-imħabba bikrija kollha li kellha bżonn bħala tifla li bdiet il-ħajja bħala ltima.

## APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sur u s-Sinjura Bezzina (Msida) - €10.00

**L-Editur**
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem



# Titwiliet Għawdxin

**Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex**

## Għajnsielem

Minħabba li jinkludi lil Kemmuna, ġeografikament, Għajnsielem huwa l-akbar lokalità Għawdxija. F'kuntratt tal-1587, insibu l-isem ta' *Hain Selem*. Nafu li l-Granmastru Ramon Perellos bena struttura biex iħajjar aktar nies jersqu 'l hawn. Dari, kien hemm Għajn tal-Ħasselin li, wara l-Gwerra, iżżarmat biex titkabbar pjazza. Din mhix l-uniku wirt li tħalla jispiċċa hekk matul is-sekli. Biżżejjed insemmi s-sejbiet neolitiċi f'Tal-Qiegħan. Imma dan ir-raħal, probabbilment l-aħħar wieħed li beda jiżviluppa, xorta joffri ħafna interess.

Ma tistagħġibx li n-nies ma kinitx titħajjar tgħix tant qrib il-baħar minn fejn setgħu jitfaċċaw il-furbani f'kull ħin. Fl-aħħar, il-Granmastru Martin Garzes bena torri, li tah ismu, li wassal għal sens ta' iktar sigurtà u din kompliet tiżdied bil-bini tal-Forti Chambray. Lejn tmiem is-seklu sbatax, din in-naħa tal-gżira nqatgħet għaliha bħala parroċċa u bdew jitfaċċaw xi djar.

Però, nasal biex ngħid li kellha tkun dehra li wasslet għat-twelid ta' Għajnsielem. Ġara li, darba, waqt li ċertu Anġlu Grech kien qed jirgħa l-merħliet, ra mara sabiħa li talbitu jagħmlilha statwa. Huwa kkonvinċa lil ftit familji ta' dawk l-inħawi biex jakkwistaw xbiha tal-ġebel tal-Madonna ta' Loretu u jpoġġuha f'niċċa. Draw jinġabru jgħidu r-Rużarju quddiemha imma ma kkuntentawx b'hekk biss għax, fl-1810, bnew kappella.

Peress li ma kienx faċli biex imorru n-Nadur għad-doveri spiritwali tagħhom, talbu li jkollhom parroċċa għalihom. L-ewwel żewġ Retturi kienu Dun Ġużepp Xerri u Dun Franġisk Schembri. Kellu jkun it-tielet wieħed, Dun Anton Cauchi, li rnexxielu u, sa fl-aħħar, il-parroċċa t'Għajnsielem twaqqfet fis-26 ta' Jannar tal-1855. Fi żmien ħames snin, l-għadd ta' parruċċani qorob l-elf u komplew jiżdiedu u jinfirxu, fil-maġġuranza tagħhom jgħixu mill-art u mit-tbaħħir.

Maż-żmien, din il-knisja saret żgħira u beda proġett għall-bini ta' waħda maestuża bi stil Gotiku-Lombardu. Ix-xogħol mexa bis-sulluzzu sakemm il-Kappillan Espeditu Tabone ħeġġeġ għal impenn akbar u l-knisja tbierket fid-29 t'Awwissu tal-1978. Il-kampnar tlesta s-sena ta' wara u, fl-2011, iddendel sett sħiħ ta' tmien qniepen. Il-knisja l-qadima għadha tintuża għall-Adorazzjoni u għal attivitajiet oħrajn u fiha nsibu t-titular ta' Mikiel Busuttil u kwadri oħra ta' Giuseppe Calì. Naturalment, xi oġġetti minnha kienu trasferiti għall-knisja l-ġdida, inkluża l-vara titulari li kienet inġiebet minn Franza fl-1866. Storja ħelwa marbuta ma' din l-istatwa hija li, meta ħattewha, iż-żewġ anġli li suppost kellha magħha ma ndunawx bihom u rmewhom mal-kaxxi.

Fl-inħawi ta' dal-monument impressjonanti, inbnew każini sbieħ tal-Banda *St Joseph* u dak tal-futbol li, bis-saħħa tas-suldati Ingliżi stazzjanati hemmhekk fil-bidu tat-tletinijiet, kien l-ewwel wieħed fil-gżira t'Għawdex.

Ir-raħal ta' Għajnsielem donnu sar mixtla ta' ħidma soċjali. Beda l-Istitut ta' San Ġużepp li, fil-bidu, kien f'idejn il-fundatur tal-MSSP, il-Monsinjur De Piro. Illum, din il-binja qed tinbidel mill-Gvern bi sħab mal-Knisja. Magħha, kien hemm stamperija (l-oriġini tal-*Gozo Press* djoċesana) biex toffri mpjieg lil tfal orfni.

Iktar tard, tfaċċaw orfanatrofju għaż-żgħar, ċentru għan-nisa msawtin u iehor għax-xebbiet tqal. Il-Moviment Azzjoni Soċjali pprova jesperimenta b'*sheltered housing* għall-anzjani u l-*Inspire* joffru edukazzjoni għal dawk bi bżonnijiet speċjali. Hemm ukoll dak li huwa l-aqwa prova tal-imħabba għal min għandu bżonn l-għajnuna tagħna, anki jekk biss dik monetarja. Din hija Dar l-Arka; ħolma ta' Mons Emmanuel Curmi li twettqet bil-kbir wara li żviluppat f'moħħ Dun Manwel waqt snin ta' sforzi biex jinbidlu l-mentalitajiet.

F'dawn l-aħħar Milidijiet, wesgħa art ftit 'il barra miċ-ċentru tar-raħal, magħrufa bħala Ta' Passi, bdiet tintuża biex, anki permezz ta' strutturi permanenti, toffri idea dettaljata ta' Betlem fi żmien it-twelid ta' Ġesù. Betlem f'Għajnsielem saret attrazzjoni ewlenija kull Diċembru (interrotta mill-epidemija) b'għadd kbir ta' atturi bil-kostum u, saħansitra, anki bil-wasla tal-Maġi bħala konklużjoni. Dan il-Presepju ħaj intgħażel bħala s-suġġett għas-sett tal-bolli tal-Milied tas-sena 2014. B'riħet dan il-Presepju, inħolqot ċerta relazzjoni mal-poplu Palestinjan ukoll.

L-Imġarr jagħmel ma' Għajnsielem u hawn insibu żewġ knejjes. L-ewwel li jilmaħ kull min jersaq lejn Għawdex bil-baħar żgur li hija l-knisja żgħira ta' stil Gotiku fil-għoli, bi grotta taħtha li tfakkrek f'dik ta' Lourdes. Minn ħafna żmien qabel, f'dan l-għar, kien hemm xbiha ta' Marija Kewkba tal-Baħar. Is-sett qniepen tal-bronż li hemm fil-kampnar kienu magħmulin l-Olanda u jdoqqu n-noti tal-Ave Maria. L-idea għal dil-kappella fuq is-sies tal-Kortin żviluppat wara żjara tal-Isqof Pietru Pace u twettqet fl-1893. Id-disinjatur tagħha kien Emmanuele Galizia li, jingħad li ispira ruħu mis-Santwarju *Notre Dame de la Garde* ta' Marsilja. Bħala rikonoxximent għal dan ix-xogħol, il-perit Galizia ngħata t-titlu ta' Kavallier ta' San Girgor mingħand il-Papa Ljun XIII. Il-bennej kien iż-Żebbuġi Wiġi Vella u l-istatwa ordnata Karolina Mamo Bruno. L-art kollha kienet inxtrat għaxar snin qabel mill-Kappillan Pietru Pawl Galea għal inqas minn tnax-il lira!

Das-Santwarju mill-ewwel sar il-post għal bosta pellegrinaġġi u għadu popolari, speċjalment, fil-jiem tad-dehriet. L-artal maġġur, maħdum fl-irħam minn Ġużeppi Spampinato Tabone fuq disinn tal-Kavallier Vincenzo Bonello, tbierek fl-1947 mill-Isqof Ġużeppi Pace (in-neputi ta' Dun Piet) bħala ringrazzjament lill-Madonna ta' kemm ħarset lill-Għawdex matul il-Gwerra. Sadattant, fl-art ta' warajh, twieldet *Lourdes Home* bis-saħħa ta'

xebba filantropa u l-post baqa' mfakkar għaliha; Dar Ġużeppa Debono.

Jekk tieħu d-direzzjoni l-oħra biex titla' lejn Ghajnsielem, tiltaqa' mal-Knisja tal-Franġiskani, li nafuhom bħala l-Patrijiet ta' Ġieżu. Infatti, minbarra s-sorijiet Maltin, li raw l-oriġini tagħhom f'Għawdex, fi gżiritna jeżistu kommunitajiet tat-tliet branki fost l-irġiel u tas-sekond'ordni.

L-OFM waslu hawn bil-ħeġġa tal-Provinċjal Anton Cesal li sab l-għajnuna tal-Isqof Giovanni Maria Camilleri, Agostinjan, li kera post temporanju fl-aħħar tas-seklu dsatax. Patri Cesal fittex l-interċessjoni ta' Sant Antnin biex, minkejja l-limitazzjonijiet finanzjarji, jakkwista xi ħaġa aħjar u t-talba tiegħu kienet mismugħa meta l-kanonku Giovanni Borg u familja minn Malta offrewlu qatgħa mdaqqsa b'xejn. Kulma riedu kien biss quddies u benefiċċji spiritwali u, fil-kuntratt li sar, stqarrew ċar il-qima tagħhom lejn dat-Tawmaturgu. Mhux ta' b'xejn li l-kunvent u l-knisja ssemmew għall-Qaddis ta' Padova. Il-bennej kien Toni Vella però kienu bosta l-professjonisti li taw sehemhom, ħafna drabi, mingħajr ħlas. L-ewwel kappella kellha wkoll żewġ artali dedikati lill-Kunċizzjoni u lill-Arkanġlu Gabriel.

Il-knisja l-ġdida nbniet fuq pjanti ta' Dun Ġużepp Diacono, il-fundatur tas-sorijiet imsemmija aktar 'il fuq. Dak iż-żmien, Dun Ġużepp Diacono kien l-Arċipriet tax-Xagħra u kien magħruf għall-ħidma soċjali tiegħu, inkluż l-introduzzjoni tal-bizzilla biex ix-xebbiet Għawdxin ikollhom mezz ta' dħul deċenti.

It-titular hu ta' Lazzaro Pisani li l-pitturi tiegħu nsibuhom imxerrdin f'tant knejjes Maltin. Naraw ukoll xogħlijiet ta' artisti prominenti oħrajn, fosthom, Ġużeppi Briffa, it-Taljan Fortunato Venuti u l-Għawdxin Wistin Camilleri u ibnu, Pawlu Camilleri Cauchi. Mariano Spina u Vincenzo Testa huma tnejn mill-marmisti. Mhumiex rappreżentati biss qaddisin Franġiskani imma naraw ukoll lill-Madonna taħt diversi titli, lil San Ġużepp u anki Papiet. Oriġinarjament, is-sett qniepen kienu intenzjonati għall-Belt imma, peress li kienu kkonsidrati kbar wisq, offrewhom lil din il-knisja. L-orgni kien akkwistat fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-fatt, dal-perijodu affettwa lill-kommunità anki minħabba li tal-Istitut Fra Diegu nġiebu hawnhekk mill-Ħamrun fejn damu erba' snin shaħ. L-istess għamel il-Kurċifiss Mirakuluż tal-Knisja ta' Ġieżu tal-Belt li ġabuh hawn ukoll biex iħarsuh mill-attakki tal-għadu.

L-intenzjoni oriġinali kienet li l-kunvent ikun Kulleġġ Franġiskan. Maż-żmien, serva ta' novizzjat u, b'titjib strutturali, anki ċentru għall-irtiri. Il-festa titulari tiġi ċelebrata f'Ħadd qrib it-13 ta' Ġunju, pjuttost mingħajr ċerti esaġerazzjonijiet li normalment insibu fil-karatteristiċi folkloristiċi li daħlu fostna.

ĠEMMA know. plan. act.

# Jekk wasalt biex tirtira mix-xogħol, din għalik

**Minn Helena Holland**
**Kap tal-Kampanja Nazzjonali ĠEMMA**

Iż-żmien sabiħ u tant mistenni tal-irtirar iġib miegħu ħafna ħin liberu fejn persuna tista' tiddedika lilha nnifisha għad-delizzji tagħha u tgawdi kull ġurnata mingħajr stress tax-xogħol. Żmien meta jista' jsir xi safar għalkemm, issa, bil-pandemija, irridu noqogħdu attenti meta u kif insiefru. Wieħed ikun jista' wkoll igawdi iktar ħin mal-familja u l-ħbieb.

Però, dan iż-żmien sabiħ jista' wkoll iġib miegħu ftit sfidi mhux ħażin, bħalma huma problemi ta' saħħa, tnaqqis ta' dħul, il-periklu li wieħed ikun vittma ta' frodi jew qerq u tibdil fit-teknoloġija jew proċeduri. Dawn kollha jistgħu jikkawżaw ċertu tħassib kif ukoll *stress*.

Peress li din hija kitba dwar kapaċità finanzjarja, mhux ser nidħol f'aspetti ta' saħħa *per se* imma nfakkar li hemm ċerti spejjeż marbutin mas-saħħa u, allura, dejjem tajjeb li wieħed jaħseb għalihom meta jippjana t-tfaddil u l-infiq.

Fost l-aktar affarijiet importanti marbutin mal-immaniġġjar tal-flus, hemm il-baġit li huwa pjan li, fih, jiġi kkalkulat l-infiq u jiġu kkunsidrati wkoll il-kontinġenzi. Huwa essenzjali li nantiċipaw dak li mhux mistenni u nippjanaw għal dak kollu li jista' jinqala'. Imma l-baġit isir għalxejn jekk ma noqogħdux attenti biex nimxu miegħu.

Irridu nżommu ruħna aġġornati u informati dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-finanzi. Il-litteriżmu finanzjajru jista' jgħinek tinvesti b'mod tajjeb, ittejjeb il-ħila tiegħek fl-immaniġġjar tal-flus u, b'hekk, tkun tista' tipproteġi ġidek aħjar.

Madankollu, biex tagħmel dan, mhux bilfors tkun xi espert fl-ekonomija. Kull m'għandek tagħmel hu li żżomm f'moħħok suġġerimenti utli dwar l-ibbaġitjar u żżomm ruħek aġġornat dwar investimenti, ir-riskji marbutin magħhom kif ukoll dawk l-i*scams* li jkunu għaddejjin, kemm fil-ħajja reali kif ukoll f'dik virtwali. B'hekk, tkun tista' tħares lilek inniffsek minn ċerti perikli u anki tkattar l-investimenti tiegħek.

Biex tħares lilek nniffsek, tajjeb li ma żżommx ammonti kbar ta' flus id-dar u lanqas iġġorrhom fuqek meta toħroġ. Tajjeb tkun taf li l-użu ta' karti ta' kreditu u debitu jnaqqsu r-responsabbiltà tiegħek għax, f'każ ta' problemi, it-transazzjonijiet ikunu kollha rrekordjati mis-sistema tal-bank. Ftakar li ammonti ta' flus kontanti mhux faċli biex tirrintraċċjahom jekk jintilfu, meħudin b'qerq jew merfugħin xi mkien fejn ikunu intesew. F'kull każ ta' dubbju jew diffikultà, kellem lil bank tiegħek, anki biex tħaddem l-għodda diġitali tagħhom.

Oqogħdu attenti lil min tafdaw! Mhux kulma jleqq huwa deheb u mhux kulħadd għandu intenzjonijiet tajbin. Aħsbuha sew qabel issellfu xi flus lil xi ħadd; kemm ħbieb u anki familjari, kif ukoll meta xi ħadd jipprova jħajjarkom tidħlu għal xi investiment jew prokura.

Jekk tixtiequ tkunu tafu iktar dwar dan is-suġġett, jew temi oħrajn ta' xejra finanzjarja, tistgħu żżuru s-sit: **gemma.gov.mt**



# L-aħħar rumanz tiegħi?

**Jikteb Karmenu Mallia**

Dan l-aħħar, kont quddiem it-televiżjoni, aktar biex ngħaddi ż-żmien u nderri. Tistagħġeb kemm tiltaqa' ma' nies li jkollhom l-istess ħsibijiet tiegħek. Dakinhar, it-televiżjoni kellu xalata. Taqleb fejn taqleb ma kontx tara ħlief kant, żfin, ċerimonji, quddies, logħob tat-tfal, argumenti tal-kbar u x'naf jien. Tgħidli, allura b'daqshekk? Mhux dawk huma l-kwalitajiet ta' televiżjoni li jrid jogħġob u jissodisfa? Forsi dawk ix-xeni rajthom ftit żejda?

Tassew, kien waranofsinhar, fi sħana kbira, quddiem il-*fan* li kien ilu jaħdem minn filgħodu u waqaf biss għal xi tliet sigħat waranofsinhar, jiġifieri minn xħin kilna sakemm straħna u rġajna stenbaħna għal ftit sigħat oħra qabel nerġgħu mmiddu rasna fuq l-imħadda did-darba għal żmien itwal ta' mistrieħ.

Semmejt it-televiżjoni. Imma kultant kif jaħbat hux? Is-soltu kont issibni fuq il-mejda fil-kċina, għax l-iskrivanija ma tantx għadni nużaha wisq billi qiegħda fl-istudju u għażilt noqgħod nikteb fuq il-mejda tal-ikel biex ma nħallix lil marti waħedha u, fl-istess ħin, ma nibqax dejjem waħdi fl-istudju tiegħi qisni l-ħares.

Kif kont hemm, inħares lejn it-televiżjoni qisni l-mitluf għax ma kellix x'nagħmel, xi ħadd mit-televiżjoni għajjat: "Xbajt u xbajt; moħħi għejja; il-bajrow qed tistrieħ. Qisni xjaħt fsalt. Kif inbidlet ħajti!"

Jien qbadt nidħaq u għajjatt: "Ara ftit, sibt lil xi ħadd jixbaħni, ejja." Għax jien ukoll, hekk ġrali. Biex tagħqad, xi tliet xhur ilu waqajt u ksirt il-*hip-bone*, l-għadma tal-koxxa l-leminija. Il-kurjuża hi li, meta waqajt, il-ħabta ħadtha fuq ix-xellug. Biss, fuq ix-xellug ma ħassejt xejn. Imma fuq il-lemin! X'waħda din! Kellhom jerfgħuni mill-art tlitt irġiel imbierek Alla.

Biex ma ntawwalx, ambulanza u sptar. Jumejn wara, operawni. Erġajt lura d-dar tlettax-il jum wara. Grazzi u prosit lis-Sinjur (Mr) li operani. U mhux inqas grazzi lill-infirmiera li ħadu ħsiebi.

Qabel ġrali hekk, kont qed nikteb rumanz fuq Ħaż-Żabbar. Ktibtu f'erba' xhur, mhux bħar-rumanzi l-oħra tiegħi li ħaduli min sena u min sentejn. Imm' issa, b'dak li ġrali u minħabba ż-żmien li għandi, qtajtha li daqshekk rumanzi. Issa ma fadallix żmien nikteb fit-tul. Bdejt inħoss li ħajti waslet fit-tarf; bħal dak tat-televiżjoni. F'kelma waħda, kont qed naqta' qalbi naħseb f'rumanz ieħor. Xi poeżija 'l hemm u 'l hawn ma ngħidx li ma niktibx, jew nittraduċi xi poeżija ta' xi poeta Malti biex, imbagħad, nibgħatha lil xi rivista bl-Esperanto barra. Dan ili nagħmlu u nittama li nibqa' sakemm...

Allura x'ġara? Waqaft ħesrem. Iċċassajt. Anzi le, bilħaqq! Stenna, stenna. Mela xi ġimagħtejn ilu, ir-Rev. Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar, il-Kan. Dun Even Cauana, għoġbu jagħmilli intervista. Kif spiċċajna, qalli: "Karm, ipprova iġbor il-poeżiji tiegħek fuq Ħaż-Żabbar."

"Issa aħna lkoll, għedt f'qalbi. Daħlitli biċċa xogħol oħra." Imma ma qtajtx qalbi; irnexxieli nsibhom. Kważi kollha kont ktibthom għal xi okkażjoni speċjali u kollha kienu ppubblikati. Issa rrid nara x'idea kellu l-Arċipriet, għax mhux billi ġbarthom ħej.

Wara dan kollu, kont qed inħossni mitluq, ma jogħġobni xejn. Biex tagħqad, jien nimxi bit-tetrapod, jiġifieri dak il-bastun li, isfel, jispiċċa b'erba' saqajn żgħar, għall-bilanċ. Imma xorta għadni nzappap xi ftit. Issa billi qed nagħmel il-fiżjoterapija? Imma le, qed inħoss li qed tgħinni għax mort mhux ħażin biha.

Ara jien ukoll x'fettilli niktbilkom! Flok qed nagħmlilkom kuraġġ! Għax naħseb li wħud minnkom għandhom iż-żmien sew jew jersqu lejn ix-xjuħija għolja bħali. Imma dejjem esperjenza, mhux hekk? Mhux biex ngħallimkom tafux, m'intomx tfal. Imma l-Malti jgħid: "Jingħalaq bieb u jinfetħu mija." U hekk hu għax, filli kont b'idi f'idi, filli ġietni l-idea nikteb dan l-artiklu. Biex ngħaddi ż-żmien? Ma nafx. Imma wkoll; għala le? Awtur, anzi, kull artist, ma jiqafx fl-arti tiegħu. Forsi jieqaf jieħu nifs, forsi nifs twil ukoll, imma jkompli.

Kellu raġun Louis L'Amour meta kiteb: "*Start writing, no matter what. Water does not flow until the faucet is turned on*." Naqbel miegħu. U kif! Kull awtur jiltaqa' mal-intoppi, jew dak li jsejħu "*writer's block*", meta l-awtur isib ħajt samm ma' wiċċu u ma jkunx jista' jkompli.

Imma Terry Pratchett titkellem mod ieħor. Isimgħuha: "*There's no such thing as a writer's block. This term was invented by people in California who couldn't write*." Tgħid għandha raġun? Tas-soltu nsomma; mitt bniedem, mitt fehma.

Allura issa suppost sibt ir-*writer's block*? X'ser nagħmel? Mhux x'ser nagħmel; diġà għamilt. Ir-*writer's block* kissirtha. Ktibt dan l-artiklu. Forsi dan ikun il-bidu ta' fażi ġdida li ma nafx fejn ser twassalni. U, tibżax, ibqa' sejjer Karm. Meta jidlam, ifisser li jkun wasal il-mistrieħ!



## APPREZAMENT

**Is-Sur Joseph Vella Caruana**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kien maħsud bil-mewt ta' seħibna, is-Sur Joseph VellaCaruana li kien Membru nominat mill-Gvern fuq il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.

Kien ilu membru mall-Kunsill għal dawn l-aħħar ftit xhur, fejn mill-bidu nett wera l-ħidma tiegħu f'dan il-Kunsill

F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, nagħtu l-kondoljanzi sinċiera tagħna lill-familjari kollha tiegħu u nitolbu lil Mulèj biex ifittex jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tant jixraqlu.

# Pariri għal ħajjitna minn Marku Awrelju



**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap**

Dan l-aħħar, kelli l-grazzja niltaqa' ma' filosfu tassew interessanti mid-dinja ta' Ruma tal-qedem. Dan il-filosfu, jew aħjar ħassieb, kien imperatur. Fil-fatt, u kif tgħidilna l-istorja ta' Ruma, kien l-aħħar wieħed mill-ħames imperaturi tajbin li kellha Ruma. Dawn insejħulhom tajbin għax, billi ċ-ċentru tal-awtorità kienet f'idejn l-imperatur innifsu, fi żmienhom, l-imperu twessa' u ssaħħaħ.

L-imperatur li qed nirreferi għalih kien Marku Awrelju li twieled fis-26 t'April tas-sena 121 u miet fis-17 ta' Marzu tas-sena 180. Marku Awrelju kien wieħed mill-aktar imperaturi rispettati li qatt kellu l-Imperu Ruman. Dan l-imperatur għaqli seħħlu jżomm l-Imperu Ruman bejn is-snin 161 u l-180. Huwa jibqa' mfakkar għat-tmexxija għaqlija tiegħu li kienet imsejsa kemm fuq ir-raġuni kif ukoll fuq il-filosofija Stoika. Il-mod ta' ħsieb Stoiku jgħallimna li, meta nrażżnu lilna nfusna billi ma nimxux ma' dak li nħossu, bħala persuni niżviluppaw u niċċaraw aktar il-ġudizzju tagħna dwar l-affarijiet u, b'hekk, niksbu ċerta paċi interna. Din il-filosofija tisħaq ukoll il-fatt li l-mogħdija għall-ferħ qiegħda meta naċċettaw il-mument preżenti kif inhu.

Influwenzat mill-filosfu Epitetu, Marku Awrelju kiteb wieħed mill-aqwa xogħlijiet tal-filosofija, *Il-Meditazzjonijiet.* Din is-serje ta' kitbiet tikkonsisti fi tnax-il ktieb u hija mimlija b'noti personali u idejat meħudin mill-filosofija Stoika. Għalkemm il-mewt tal-Imperatur Marku Awrelju tista' titqies bħala t-tmiem tal-*Pax Romana*, jiġifieri ta' dawk il-mitejn sena fl-istorja ta' Ruma fejn kellek is-sliem u l-istabbilità u, wara, seħħet il-waqgħa tal-Imperu Ruman tal-Punent, il-ħsibijiet li ħallielna miktubin dan il-filosfu kbir ma jispiċċaw qatt. Hawnhekk qed nippreżenta xejn inqas minn tmintax-il ħsieb li jgħinuna nifhmu sewwa li int u jien responsabbli għall-ferħ tagħna nfusna u anki tal-oħrajn ukoll.

**L-ewwel**, il-ferħ ta' ħajtek jiddependi mill-kwalità tal-ħsibijiet li jkollok f'moħħok. **It-tieni**, l-aqwa vendetta hi li tkun kontra dak li għamillek l-offiża. **It-tielet**, meta tqum filgħodu, aħseb dwar xi privileġġ għandek li qed tgħix, taħseb u tħobb. **Ir-raba'**, taħlix ħin targumenta dwar x'għandu jwettaq bniedem tajjeb imma kun wieħed int. **Il-ħames,** l-aqwa regola hi li żżomm l-ispirtu tiegħek mingħajr inkwiet imbagħad ħares lejn l-affarijiet sewwa u agħrafhom għal dak li tassew huma. **Is-sitta**, toħlomx b'dak li m'għandekx imma għodd l-għajn tal-barkiet li għandek u ftakar bi gratitudni kemm kont tixxennaq għalihom kieku ma kinux tiegħek.

**Is-seba'**, wettaq kull għemil ta' ħajtek daqslikieku kien l-aħħar wieħed ta' ħajtek. **It-tmienja**, iffoka fuq is-sbuħija tal-ħajja billi tħares lejn il-kwiekeb u tara lilek innifsek tiġri magħhom. **Id-disa'**, it-tifkira ta' kull ħaġa, biż-żmien, malajr tintemm u, allura, jekk mhijiex sewwa, tagħmilhiex u, jekk mhijiex il-verità, tgħidhiex. **L-għaxra**, kemm ħin jirbaħ min ma joqgħodx jara x'ħa jgħid, x'se jagħmel jew x'jaħseb ħaddieħor imma jaħseb biss f'dak li għandu jagħmel huwa nnifsu biex jagħmlu sewwa u b'mod qaddis. **Il-ħdax**, ħares sewwa lejk innifsek għax hemm tinsab l-għajn tal-qawwa li dejjem tfur jekk tħares lejha. **It-tnax**, dak li nagħmlu f'din il-ħajja għandu l-eku tiegħu fl-eternità.

**It-tlettax**, hija l-persuna li tissokta fit-tqarriq tagħha innifisha u fl-injoranza tagħha li tispiċċa miġrugħa. **L-erbatax**, jekk qed tbati minn xi ħaġa esterna, l-uġiegħ mhux marbut ma' dik il-ħaġa imma ma' kemm stmajtha int u dan int għandek il-qawwa li tiċħdu kull waqt. **Il-ħmistax**, il-valur tal-bniedem mhuwiex akbar mill-kobor tal-ambizzjonijiet tiegħu. **Is-sittax**, jiena dejjem ħsibt kif inhi din il-biċċa li kull bniedem iħobb lilu nnifsu aktar mill-bqija tal-bnedmin l-oħra imbagħad ipoġġi anqas valur fuq l-opinjoni tiegħu dwaru innifsu milli fuq l-opinjonijiet tal-oħrajn. **Is-sbatax**, ir-regola li għandek tiftakar fil-ġejjieni hi li, meta xi ħaġa, tkun xi tkun, tittantak biex tħossok imdejjaq, mhux tishet xortik imma ġorr din il-fortuna tajba tiegħek b'mod dinjituż. **It-tmintax**, dejjem ftakar li ftit ħafna jinħtieġ biex tagħmel ħajtek ferħana.

Din l-etika personali li qed jipproponielna Marku Awrelju tagħmel sens kbir għax kollox jiddependi jekk jien irridx ninbidel jew le! Ħa naqbad imqar ħsieb wieħed minn dawk li qed jippreżentali l-Mulej permezz ta' Marku Awrelju. Ħa nirrepetih kuljum, kull filgħodu, għal xahar sħiħ u nitlob lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinni ngħixu! B'hekk, ħajti tibda tinbidel bil-mod il-mod bil-grazzja tal-Mulej Ġesù li tant hu ġeneruż li anki b'filosfi pagani bħal Marku Awrelju għaraf jinqeda biex iressaqni lejh!

## Popeye Village

**Anthony Borg**
**01/05/1990**

It struck our imagination;
it tickled our fantasy.

Why did the big ones,
the mighty ones,
destroy our village
Popeye?

After all, we are God's children!
So, rebuilt sweet heaven
to have God's blessing!





# L-istorja tal-gideb

**Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ**

X'kienu jirrakkuntaw in-nanniet tagħna lil uliedhom u lil ulied uliedhom, dari? Ftit taż-żmien ilu, ftakart fl-istorja tal-gideb li n-nanna Lużar, omm ommi, kienet tirrakkonta, l-ewwel lil ommi u liz-zijiet tiegħi u, iktar tard, lili u lil ħuti wkoll. Billi ma kontx niftakarha sew, kont tlabt lil ommi biex tiktibhieli, kif kienet tiftakarha hi, u llum iddeċidejt li naqsamha magħkom ukoll.

Mela darba, kienet tgħid in-nanna Lużar, kien hemm raġel li kellu tlitt itfal; il-kbir, il-fustani u ż-żgħir. Meta dan ir-raġel wasal biex iħalli din id-dinja, sejjaħ lit-tlitt itfal maġenbu u qalilhom: "Uliedi, jien wasalt biex immut. M'għandi xejn x'inħallilkom ħlief dak il-ħmar, is-sarġ u l-kappestru. Ħuduhom wieħed kull wieħed u jalla tgħixu fil-paċi u fil-kuntentizza!"

Il-missier miet u t-tfal bdew jaraw x'ser jagħmlu. Il-kbir qalilhom: "L-ewwel immur jien inbigħ il-ħmar, wara, imur tan-nofs ibigħ is-sarġ imbagħad, fl-aħħar, imur iż-żgħir u jipprova jbigħ il-kappestru." U hekk għamlu.

Beda l-kbir, ħareġ idur bil-ħmar u beda jgħajjat: "Min inbegħlu ħmar? Min inbegħlu ħmar?" Għadda minn ħdejn spiżerija u, meta l-ispiżjar sema' dik l-għajta, ġietu l-kurżità u ħareġ ħdejn il-bieb. Sejjaħ lit-tifel u qallu: "Isma' *boy*, taf x'nagħmlu; jekk tgħidli l-istorja tal-gideb, intik l-ispiżerija b'kollox imma, jekk ma tgħidhielix, noħodlok il-ħmar." It-tifel għoġbitu l-idea u beda biex jgħidlu l-istorja tal-gideb billi qallu: "Mela darba kien hemm re ... " Qabeż l-ispiżjar u qallu: "Ieqaf għax diġà għaxxaqtha, għax re mhux wieħed kien hawn imma ħafna rejiet" U ħadlu l-ħmar.

It-tifel il-kbir mar lura d-dar imdejjaq għax kien tilef il-ħmar. Meta rrakkonta x'kien ġralu lil ħutu, il-fustani qalilhom: "Ħa mmur jien u nipprova nbigħ is-sarġ." U, l-istess, ħareġ fit-triq u beda jgħajjat: "Min inbegħlu sarġ? Min inbegħlu sarġ?" Reġa' għadda minn fejn l-ispiżerija u, xħin semgħu, l-ispiżjar ħareġ jiġri u, biex, minbarra l-ħmar, ikun jista' jakkwista s-sarġ ukoll, qallu: "Jekk tgħidli l-istorja tal-gideb, intik l-ispiżerija b'kollox imma, jekk ma tgħidhilix, noħodlok is-sarġ. Tajjeb hekk?" It-tifel aċċetta u beda l-istorja tiegħu billi qal: "Mela darba kien hemm reġina ..." L-ispiżjar, pront pront, qallu: "Ieqaf u tkomplix għax diġà tliftha għax reġina mhux waħda kien hawn imma ħafna rġejjen." U ħadlu s-sarġ.

L-istess bħal ħuħ il-kbir, il-fustani mar id-dar imdejjaq għax issa kienu tilfu s-sarġ ukoll. Iż-żgħir qalilhom: "Issa mmur jien u nipprova nbigħ il-kappestru." Ħutu ma riduhx imur għax qalulu li għadu żgħir wisq imma huwa baqa' jinsisti li jrid imur. Ħareġ fit-triq u, b'ħanġra daqshiex, beda jgħajjat: "Min inbegħlu kappestru? Min inbegħlu kappestru?" Meta wasal ħdejn l-ispiżerija, ħareġ l-ispiżjar u, xħin rah, bejnu u bejn ruħu ħaseb li, lil dan, kien iktar faċli biex jirbaħlu għax għadu żgħir. Sejjaħlu u qallu: "Jekk tgħidli l-istorja tal-gideb, intik l-ispiżerija b'kollox imma, jekk ma tgħidhielix, noħodlok il-kappestru." U t-tifel qallu iva u beda l-istorja tiegħu hekk: "Meta twelidt jien, kelli għaxar snin. Ommi libbsitni qalziet la kadetta u kappell trespikos. Tlajt il-pjazza, sibt liz-ziju, tani ħabba, xtrajtha dulliegħa ta' qantar, għamiltha fil-but tas-sidrija, waqgħetli, telqet tiġri tiġri tiġri lejn il-Fossa, kien hemm nemla, belgħathieli, erġajt mort il-pjazza, sibt liz-ziju, tani bajda, sabbattha mal-art, għidt mitt suldat, mitt kavallier, oħroġ 'il barra ħa nidħol jien!" U ħadlu l-ispiżerija b'kollox; inkluż il-ħmar u s-sarġ, u hu u ħutu baqgħu jgħixu hemmhekk kuntenti għal dejjem, kif xtaqhom missierhom.

# Ara x'jiġrilu min ma jismax minn ommu!

Ma, fattarli ftira ċkejkna u ixwihieli fuq in-nar!
Ma nagħtikx għax żgur tinħaraq; dan mhux xogħol tat-tfal iż-żgħar!
Mela lili ħsibtni vavu? Tini ftira, tini ma!
Ommu qabdet ftit għaġina milli kellha u qaltu ħa!

Żaru nxteħet fuq it-tarġa u qagħad jgħaffeġ f'dik l-għaġina.
Ommu taħdem u fiħ taħseb u Rużar mar dritt fil-kċina.
Fuq in-nar, kien hemm il-borma; fis neħħiha b'għaġġla kbira.
Flokha, poġġa dik l-għaġina u l-ġamriet qabdu mal-ftira.

Qalleb, qalleb u erġa' qalleb, il-ġamriet ħadu mill-ġdid.
Spiċċa biex qabdulu ħwejġu u ħaraq ġismu mhux bi ftit.
Beda jibki, resqet ommu; ħlief ħruq f'ġismu ma tarax.
Lil Rużar ġralu dan kollu għax minn ommu ma semgħax!

*Din it-tqabbila bagħtithieli Liz Bajada, waħda mill-qarreja regolari tagħna, wara li rat il-poeżija, 'il -kappell ta' Karlu', li kienet dehret fil-ħarġa numru 103 ta' dan il-magazine. Liz qaltli li din it-tqabbila kienet tgħidhielhom ommhom meta kienu żgħar. Ix-xjuħ tagħna kienu jsenslu tqabbiliet bħal dawn u jgħiduhom lil uliedhom kemm għall-mogħdija taż-żmien kif ukoll biex jgħallmuhom x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Min jaf, meta kont żgħir jien, kemm-il darba kont immur ħdejn in-nanna tiegħi u ngħidilha: "Nann, erġa' għidhieli dik tal-istorja tal-gideb!"*

*L-Editur*

# The voice

## A short story by Liz Bajada



It was the middle of June when the family next door moved in. The property had been empty for quite some time. When I got the news, I was a bit concerned as one never knows what to expect from new neighbours. So far, the street had always been a quiet one and noisy neighbours are, invariably, a bother. The furniture movers came and went a number of times but, as yet, there was no sign of any of the family members. Well, it was game over and one had to hope for the best.

As I leave home for work very early in the morning and return quite late in the evening, there was hardly much chance for me to come face to face with whoever had become my new neighbour. But, one Sunday afternoon, I was surprised to hear someone singing in the vicinity. It was coming from the house next door. Maybe one of them is having singing lessons, I thought. It was an old Italian song, *O sole mio*, a tune everyone is familiar with. I was much intrigued and, myself being a member of a choir, I made up my mind not to lose an opportunity, should one present itself, to introduce myself to these neighbours and try to rope in '*the voice'* into my choir.

Life went on as usual and still no sign of any of the new neighbours until, one day, on my way out to work, there was a man standing in front of next door, as though he was waiting for someone.

"Hello," I ventured, "I'm Liz Bajada, your neighbour next door." He gave me a puzzled look very much like one who had been deep in thought and was not expecting to be accosted. "I appreciate that, settling in a new house, is not easy. I just want to tell you that, should you, or your wife, need anything, please let me know." I was just trying to be neighbourly without being too intrusive but it did not take me long to realise that he was the type who likes to keep himself to himself.

All of a sudden, as though he was not sure whether to confide in me or not, he opened his mouth and said, "My wife passed away two years ago and left me with three kids to take care of. But, thanks for the offer."

I was pleased to see that, at least, the ice had been broken. Weeks passed but I never got to see either the kids or their father again. Even the voice had become silent. One evening, back from the office, a boy of some twelve years, was on my doorstep trying to ring my doorbell. "Excuse me," he said, "I'm Robert and I live next door. Can you help us, please? My sister slipped down the stairs, bumped her head and she did not speak to me when I tried to help her get up!" I went with him and found a little girl, who could not have been more than six years old. She was lying at the foot of the stairs and looked lifeless. "Where is your dad?" I asked.

"He is still at the shop," replied the boy, "and my other sister is with granny who looks after us when dad goes to work. We were all at granny's. I had to come here to collect some clothes and my little sister wanted to come with me. She fell down the stairs as we were going back to Granny."

I immediately contacted their father and, on his bidding, I then called for a doctor. Luckily, the child only suffered from a mild concussion and was soon well again. After this experience, Robert and his sisters often visited until, shortly before Christmas, I asked them whether they would be interested to join the children's choir for the carol service.

Robert jumped at the opportunity. "I like singing!" he said.

"Great!" I replied and, sure enough, as from the first rehearsal, he sang his heart out without any inhibitions; he sang as if he had been doing it all his life.

The Carol singing was a great success, especially as Robert was given a small solo part which he executed with verve. After the service, all those present were invited for a glass of mulled wine and some mince pies. In the congregation, there also happened to be a renowned tenor who was visiting Malta for Christmas and who accepted to join us. Thinking that I was one of Robert's relatives, before he left, this tenor informed me that Robert had great potential and asked me whether he was being properly tutored or not. He also said that he was willing to take the promising boy under his wings every time he is in Malta. After explaining that Robert was just a neighbour, I volunteered to introduce him to the boy's father.

To cut a long story short, although Robert is still studying and still working very hard, he is doing very well and he has already made a name for himself. He now sings abroad; in Covent Garden, La Scala and at the Metropolitan. He has certainly been a credit to his family. But, looking back, I also pride myself to think that I have played not a small part in Robert's success story! *O sole mio* did, indeed, bring sunshine, not only to Robert's life but to all of ours as well.

# Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd

**Novella ta' Lina Brockdorff**



Dawk kienu l-aħħar kelmiet li bihom sellmitilha l-ġara, Konza, qabel ħallietha fuq l-għatba. U tiskanta kif dik is-sentenza baqgħet tredden f'widnejn Bellan anki wara li daħlet ġewwa u, mingħaliha, kienet ser tibda x-xogħol tad-dar. Kienu għadhom id-disgħa ta' filgħodu u kulma kienet għamlet qajmet lil Pawlinu, libbsitu u ħaditu l-iskola għax, għalkemm kellu qrib l-għaxar snin, ma kinitx tafdah imur waħdu. Twasslu hi u terġa tmur għalih xhin jispiċċa. Lanqas il-Mużew waranofsinhar ma kien imur waħdu. Kien il-mimmi t'għajnejha.

Imxiet sa qrib il-mejda tal-ikel biex forsi tibda tisbarazzaha imma, mingħajr ma taf kif, intefgħet fuq il-pultruna tal-qasab fejn soltu tpoġġi biex tistrieħ ftit. Dik il-pultruna kienet is-solljev tagħha għalkemm ftit passi 'l bogħod kien hemm ukoll sufan pariġġ il-pultruna. Iċċassat u ntilfet fil-ħsibijiet jew, aħjar, fit-tifkiriet. Ħasset id-dmugħ iċarċar fuq idejha.

Kemm kellha tkun sfurtunata! Fil-gwerra tilfet lill-familja kollha; baqgħet ħajja għax inzertat kienet jum għand zijitha, Lora, li kienet xebba, li żammitha magħha u rabbietha b'imħabba kbira. Ma kellhiex sold f'idejha għalkemm ħasset li kienet waslet biex tagħmel bħal xebbiet oħra u taħseb għal xi sieħeb. Zijitha dejjem tredden li ma kellhiex għaġġla biex taħseb għaż-żwieġ; kienet dratha hemm magħha u ma xtaqitx tinfired minnha.

Bellan kienet għalqet il-ħamsa u għoxrin sena u, dak iż-żmien, it-tfajliet kienu jiżżewġu qabel jgħalqu l-għoxrin. Kull filgħodu, hi u zijitha kienu jmorru jisimgħu quddiesa u bdiet tinduna li ġuvni jismu Pawlu, li kien sagristan, waqt il-ġabra tal-flus, spiss kien iħares lejha għal darba darbtejn u, wara ftit, beda jitbissmilha wkoll. Iz-zija malajr xammet l-istorja u, darba fost l-oħrajn, ħajret lil Bellan biex tkompli miegħu u titbissimlu hija wkoll. Malli semgħet dan, Bellan infaqgħet tibki u, wara ftit, fetħet qalbha ma' zijitha.

"Kif tridni nkompli miegħu, Zi! U, jekk jitlobni biex nibda noħroġ miegħu, jiġifieri biex ninnamraw u nitgħarrsu? Ftakar li jien m'għandix sold fuq xiex naħlef!"

"Santa Marija! Kemm qed taqta' qalbek Bellan! M'għandekx bżonn wisq flus f'idek meta tistgħu tiżżewġu u tibqgħu toqogħdu miegħi! Agħmel kuraġġ!"

Dik bejn kienet aħbar tajba u bejn le. Madankollu, Bellan baxxiet rasha, Pawlu aċċetta li jmur joqgħod hemm u l-fortuna dehret li, fl-aħħar, bdiet titbissem lil Bellan. Infatti, iz-zija ħasbitilha għal libsa tat-tieġ u għamlitilha festin żgħir ukoll.

Pawlu sab impjieg ta' xufier ma' ditta li tqassam il-birra fil-ħwienet għax, bil-paga ta' sagristan, mhux għalkemm izżomm familja u, kemm hu kif ukoll martu, it-tnejn xtaqu li jkollhom familja kbira. It-tlieta li huma kienu kuntenti f'dik id-dar imma ġara li, wara ftit xhur, tilfu liz-zija li żelqet fit-taraġ u baqgħet mejta. Id-dar u kull ma kien fiha spiċċaw f'idejn Bellan u Pawlu. Tista' tgħid li dak kien kollox għax, mill-bqija, bħala flus kulma ħalliet kienu mitejn lira.

Għadda ftit taż-żmien u Bellan tgħidx kemm ferħet meta skopriet li kienet tqila. Pawlu wkoll ħassu bniedem differenti li kien ser isir missier. Kellu seba' mitt sena biex jara t-tarbija f'idejh. U, fl-aħħar, it-tarbija waslet. Kienet tifla li semmewha Lorraine, għaz-zija Lora.

Iż-żgħira kibret kif jikbru tfal oħra bil-waqtiet sbieħ u oħrajn ta' nkwiet. Sa minn ċkunitha, kellha rasha iebsa. Għall-ewwel, il-ġenituri bdew jiggustawha imma ma damux ma ntebħu li kienet teħtieġ min iżommilha għax jew tagħmel li trid jew twerżaq u ssabbat riġlejha mal-art. Lorraine ma kinitx kbira meta Pawlu miet b'diżgrazzja tal-karozza waqt li kien qed isuq.

Meta Lorraine bdiet tikber, Bellan irrealizzat li, waħedha, ma kinitx kapaċi tikkontrolla lil bintha li, wara l-mewt ta' missierha, aktar għamlet arja. It-tifla bdiet tagħmilha ma' klikka ħbieb sfrattati u, saħansitra, tqatta' ljieli bla ma tersaq lejn dar ommha. Jum fost l-oħrajn, Bellan rat lil bintha dieħla d-dar b'żewġ valiġġi kbar u dritt iddikjarat li kienet sejra l-Ingilterra.

Dak il-mument, il-bejjiegħ tal-pitrolju wasal quddiem il-bieb ta' Bellan u fetaħ ħanġra jgħajjat: "Trolju, trolju!" Bellan qamet minn fuq il-pultruna tal-qasab, waqfet mid-damma ta' tifkiriet, ixxuttat wiċċha mid-dmugħ u ħarġet bil-landa tixtri gallun pitrolju. Il-kumplament tal-jum għaddietu fi dwejjaq kbar.

Għaddew tmin snin u, issa, Pawlinu kellu tmintax-il sena. Kien ġuvni bil-għaqal u jħobb l-iskola tant li sab impjieg tajjeb ta' skrivan ma' ditta lokali. Tgħidx x'kellha bih Bellan! Kieku setgħet, kienet tindurah bid-deheb. Lejla minnhom, kienu waslu biex jieklu xhin ħabbat il-bieb ta' barra li kien diġa' msakkar.

"Dan min seta' nqala' dal-ħin?" lissen Pawlinu.

"Ħu paċenzja, u mur iftaħ! Jista' jkun xi ġara li naqasha xi ħaga."

Quddiemu lemaħ mara b'żewġ valiġġi. "Lil min trid?"

"Bellan mhix hawn, jaqaw?"

"Bellan hawn qegħda imm' int min int u xi trid?"

Sadanittant, Bellan resqet lejn il-bieb ta' barra u, xħin lemħet lil bintha, werżqet bil-ferħ u qalet: "Mela ġejt fl-aħħar?"

It-tlieta baqgħu deħlin sal-kamra tal-ikel; innisa jixxuttaw id-dmugħ waqt li l-ġuvni ma' seta' jifhem xejn. "Ma, nista' nkun naf min hi dil-mara u għaliex dal-biki kollu?"

Bdiet Bellan: "Ipprova spjegalu min int, Lor!"

"Ma niflaħx, ma!" u, kif qalet hekk, intefgħet bilqiegħda u qalbha riedet toħroġ bil-biki. "Għidlu int ma; għidlu kollox, tibżax!"

Bellan poġġiet fuq is-sufan u, bil-ħlewwa, qabdet lil Pawlinu minn idu u ħaditu bilqiegħda ħdejha. "Ibni, iva, ibni ser nibqa' nsejjaħlek. Dsatax-il sena ilu, Lorraine xtaqet issiefer malajr. Kienet qadja urġenti għax inqabdet tqila u xtaqet teħles mit-tarbija malajr kemm jista' jkun. Irnexxili nipperswadiha biex ma toqtolx lit-tarbija bil-wegħda li kont lesta rrabbiha jien u, wara, issiefer kemm trid. Hekk għamlet! Din ommok!"

"Iva ruħi u, issa, ġejt biex nieħdok miegħi, Londra, fejn għandi negozju żgħir u fejn nistgħu ngħixu flimkien bl-għajnuna tiegħek, ibni!"

"Jiddispjaċini ngħidlek li jien omm waħda naf, li hija din, u mhux biħsiebni nħalliha qatt!"

"Tort tiegħi!" kompliet tolfoq Lorraine, "kien imissni ġejt għalik qabel!"

"Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd, sinjura!"

---

# Xegħma tixgħel

**Rakkont ta' Joseph Muscat mill-Fgura**



Ma tantx kelli aptit noħroġ. Għorokt għajnejja u ttawwalt mit-tieqa. Ma smajt ebda ħoss għajr għat-tektik tax-xita fuq is-saqaf tażżingu li hemm fil-bitħa. Ħarist 'il fuq u ħassejt tkexkixa bard meta rajt sema kulur iċ-ċomb, ikraħ u aggressiv, u serp imdawwal jiġri bejn is-sħab. Imbagħad smajt ħoss qiesu ta' ġgant irrabjat. Kien ir-riħ kiesaħ li beda jonfoħ u jsaffar minn bejn ix-xquq. Kienet kesħa biżżejjed biex wieħed ma jdumx jaħsibha wisq biex jiddeċiedi jibqa' għall-kenn, għas-sħana u għall-irdoss ta' daru. Imma jien bilfors kelli noħroġ. Il-kalendarju fakkarni li dakinhar kien l-14 ta' Frar; jum li fih, ta' kull sena, immur nagħmel il-fjuri u x-xemgħa fuq il-qabar ta' missieri. Dejjem hekk għamilt. Ilbist u ħadt kolazzjon ħafif. Erġajt ħarist lejn il-kalendarju. Għalija, ix-xahar ta' Frar huwa xahar ta' niket. Sibt xemgħa milli kont xtrajt qabel, kaxxa tas-sulfarini u tlaqt.

Ma kellix għaġġla għax ma kelli ebda appuntament ieħor jippressani fil-ħin. Billi ċ-ċimeterju tar-raħal mhux bogħod, mort bil-mixi. Qajla kien hemm ruħ barra. Il-kesħa ġegħlitni ngħolli l-pavri tal-kowt madwar għonqi u nħaffef il-pass. Qsamt il-pont. Bilfors li billejl kienet għamlet ix-xita wkoll. Bdejt nisma' ċ-ċafċif tal-ilma jċarċar bejn il-ġebel u, fuq rasi, il-friegħi tal-ballut donnhom kienu qed jibku filwaqt li l-pont ħotbi kien donnu qed jitmattar fuq il-wied. Ħafna mill-għeruq tas-siġar kienu mikxufin; 'il fuq mill-wiċċ tal-ħamrija; tistħajjilhom sriep. Ma stajtx nimxi b'mod normali. Biex nevita l-għadajjar tal-ilma, ħtieġli naqbeż minn bejn waħda għall-oħra; bħal żrinġ.

Reġgħet bdiet traxxax ix-xita. Kemm stajt, bdejt nimxi minn taħt il-ħajt forsi ma nsirx għasra. Dik l-għodwa, kont wisq bla moħħ; ħrigt mid-dar mingħajr l-umbrella. Wasalt ħdejn il-kanċell tal-ħadid kiesaħ taċ-ċimiterju. Ftit 'il bogħod, kien hemm raġel ibigħ il-fjuri. Ma tantx kien sejjer tajjeb; ħliefi u ħlief għal waħda mara, ma kien jidher ħadd iżjed. Donnu kulħadd kien intasab ġewwa. Xtrajt bukkett qronfol u komplejt triqti 'l ġewwa.

Fil-fatt, għamilt żewġ żbalji dakinhar u issa kien daqsxejn tard biex nirrangahom. Barra milli ħriġt mingħajr umbrella u, jekk tinżel iktar xita, kont insir fellus, ilbist żarbun minflok il-*boots*. Il-kalzetti xxarbuli u saqajja bdejt inħosshom kesħin silġ hekk kif irfist l-għatba fejn hemm ir-rixtellu; grada sewda u kerha, donnu li, min kien żebagħha, uża n-nugrufun minflok żebgħa.

Dħalt ġewwa u għajnejja bdew jimirħu 'l hawn u 'l hinn. Rajt l-oqbra. Ħafna mir-residenti tagħhom kont nafhom; kienu ħbieb tiegħi jew ġirien, minn hawn ir-raħal. F'raħal żgħir, kważi kulħadd jaf lil kulħadd. Ftit kienu l-ismijiet fuq l-irħam li ma kont naf xejn dwarhom.

Waqaft ħdejn żewġ siġriet taċ-ċipress. Quddiemi, il-qabar ta' missieri b'lapida ċkejkna fuqu. Minkejja li min jaf kemm-il darba kont qrajt dik l-iskrizzjoni qabel, għajnejja waqgħu fuq il-kliem: Carmelo Borg li ħalla din id-dinja fl-14 ta' Frar 2005, fl-età ta' sitta u sittin sena. B'kumbinazzjoni, jew b'ironija, in-numru tal-qabar kien l-istess; in-numru 66. Raddejt is-salib u tlajt fuq il-kaptelli. Tajt ħarsa madwari. Imma kif ma ġie ħadd iżjed ħliefi? Le, mhux ħadd; kien hemm ukoll mara, b'libsa sewda, donnha ruħ. Neħħejt l-għatu tal-fanal ħalli nkun nista' nagħmillu x-xemgħa. Erġajt bdejt inħoss ir-raxx ta' xita ħafifa fuq wiċċi, fuq idi u fuq ħwejġi. Ħriġt is-sulfarini minn ġol-but, ippruvajt nixgħel waħda; il-kubrit għamel xrara bilkemm tidher u ntfiet ħesrem. Ippruvajt nixgħel oħra. Tliet sulfariniet inqasmu u tlieta oħra xxarrbu. Għamilt attentat ieħor bl-aħħar sulfarina li kien fadal fil-kaxxa imma kollu għalxejn. Għal ftit, ħsibt li kien ser jirnexxieli imma buffura riħ fgat il-fjamma li ħabtet ser tixgħel u ntfiet ukoll. Bdejt naħseb kif ser nixgħel dik ix-xemgħa.

Fejn is-soltu l-kappella tkun dejjem miftuħa, dakinhar kienet magħluqa. Mort fuq il-mara li kont ilmaħt ftit qabel. Kienet qisha ruħ liebsa l-iswed. Staqsejtha jekk kellhiex sulfarina. Qaltli li ma kellhiex u, b'ton imqit, ċanfritni li messni ġibt kaxxa sulfarini

mieghi ladarba kont ġej iċ-ċimiterju. Ma qgħadx ngħidilha li kelli sulfarini imma xi wħud inqasmu u oħrajn ixxarrbu. Għalfejn? X'jinteressaha dik? Ħarist lejn il-kanċell ta' barra. Il-bejjiegħ tal-fjuri kien dieħel fil-vann. Meta ra li ma kienx hemm iktar parruċċani, startja l-magna, telaq u ħalla ħabel duħħan warajh.

Żgur mhux ser nixgħelha x-xemgħa. Ma rajt lil ħadd iżjed. Iċ-ċimiterju kien abbandunat. Għalaqt l-għatu tal-fanal. Isfel tiegħu kellu toqob żgħar tondi biex tidħol l-arja u l-fjamma tibqa ħajja ħalli x-xemgħa ma tintefiex. Ergajt ħarist madwari; kont waħdi. Nifhem għala ma kien ġie ħadd. Maltemp bħal dan, min irid jiġi ċ-ċimiterju?

Ħarist lejn ir-ritratt ta' missieri fuq il-lapida. Missieri donnu kien qed jgħidli li ma jimpurtax; nista' nerġa' niġi għada u nixgħelha x-xemgħa. Imma tinsiex iġġib is-sulfarini! Jien hawn inkun, nistenniek! Jien dejjem hawn! Ma tafx? Għada jasal, għal min jibqa' ħaj! Kliem missieri dejjem kien ta' konsolazzjoni, qatt ta' ċanfira, qatt ta' stmerrija. Tajt l-aħħar ħarsa lejn il-qabar. Parti mill-faċċata tal-fanal kienet tal-ħġieġ. Ix-xemgħa mitfija stħajjiltha r-re imma mingħajr il-kuruna; dgħajsa mingħajr qlugħ. Issa saqajja kienu tqal hekk kif qsamt il-pont fi triqti lura lejn id-dar.

L-għada, fetaħ jum sabiħ; il-maltemp mar xi mkien ieħor. Mit-temp tal-jum ta' qabel ma kien fadal xejn għajr għal irqajja żgħar ta' sħab 'l hawn u 'l hemm. Filgħodu, erġajt mort iċ-ċimiterju biex nixgħel dik ix-xemgħa. Imma, meta dħalt, waqaft ħesrem skantat; ix-xemgħa kienet diġà mixgħula. Ftit 'il bogħod mill-qabar ta' missieri, kien hemm Ġamri, raġel daqsxejn sempliċi li soltu jieħu ħsieb iċ-ċimiterju. Kien dahru lejja jiknes il-weraq li kien inġabar matul l-aħħar jiem. Ma ndunax bija. Ersaqt lejh, taptaptlu fuq spalltu u ħsadtu. Staqsejtu jekk kienx ra lil xi ħadd fejn il-qabar ta' missieri.

"X'numru? staqsieni bil-herra. Deher li ma tantx ħa gost bil-mistoqsija tiegħi, deher beżgħan, donnu bħal wieħed li ġieli ra xi ruħ f'dak il-post imma baqa' qatt ma drahom.

"Numru 66," weġibtu, "dak ta' maġenb il-qabar fejn hemm midfun il-kappillan li kellna qabel."

Ġamri waqaf għal mument jistrieħ fuq il-lasta tal-ixkupa; iħares fil-vojt ta' quddiemu, qisu wieħed skantat u mifxul. "Dalgħodu ma deher ħadd," qalli. "Sa fejn naf jien, waħedna qegħdin u naħseb li waħedna ser nibqgħu!" Imbagħad, reġa' ta ħarsa madwaru u kompla jiknes il-weraq u jimbotta l-għadajjar tal-ilma tax-xita li kien għad fadal fil-passaġġi ta' bejn l-oqbra.

Kliemu ħallieni kkonfondut; ma nafx x'naqbad naħseb. Idejja kienu kesħin silġ, bejn bil-frisk tal-arja u anki bil-ħsieb misterjuż dwar min seta' xegħel ix-xemgħa fuq il-qabar ta' missieri; in-numru 66.

# Lil Ommna Marija

O Sbejħa Marija li d-dinja dawwalt
għax bla ebda tebgħa ġo fiha inti dħalt.
Il-kbir Alla żejnek bi ġmiel u qdusija
biex triq Huwa jħejji għal Ibnu tarbija.

Lil Gabriel bagħtlek ħa jwassal l-aħbar
u int, aċċettajtha bi kliem l-aktar ċar.
Għax, skont il-pjan Tiegħu, bi Kristu nkarnajt
u lil Ġesù ħelu lid-dinj' inti tajt.

Imbierka is-sejħa li inti ħaddant
għax dmirek lejn Alla bil-għożża wettaqt.
U int, flimkien Miegħu, ġarrejt il-weġgħat
matul it-triq kollha li Miegħu terraqt.



Għaziza Marija, kemm iżjed sofrejt?
it-triq lejn il-Golgota int Miegħu mxejt.
Ukoll Miegħu xrobt int it-tazza tal-morr
meta l-piż tas-Salib inti rajtu jġorr.

Hemm kont, O Marija, f'riġlejn is-salib
titbikkem u tibki lil Kristu Divin
li, f'telfa ta' mħabba, fost tant tbatijiet,
mar jaħtrek, Marija, Omm tagħna l-bnedmin.

**Julia Curmi Cassar mis-Siġġiewi**



# Iz-ziju Raymond isir missjunarju

**Rakkont ta' Sebastian Debono**

Meta z-ziju Raymond, ħu ommi, li kien tabib, anzi kirurgu, spiċċa bil-pensjoni, ma damx wisq biex jaqta' xewqtu; dik li juża l-ħila u l-esperjenza tiegħu fi sptar ġo xi villaġġ fqir milli hemm fl-Afrika. Kien kurjuż ħafna biex jara kif jgħixu l-Afrikani u għala bosta minnhom kienu lesti, saħansitra, jissugraw l-għarqa biex ifittxu ħajja aħjar f'xi pajjiż Ewropew. Fl-istess waqt, kellu wkoll xewqa kbira li jgħin nies foqra u, b'hekk, irodd lill-proxxmu anqas ixxurtjat minnu xi ftit mill-kotra ta' benefiċċji li, providenzjalment, irċieva matul ħajtu. Iz-ziju qatta' tliet snin fin-Niġerja fejn ġie mibgħut mis-superjuri tal-missjoni biex jeżerċita l-professjoni tiegħu u jgħin lil bosta pazjenti li fittxew kura medika u fejqan fl-isptar fejn kien stazzjonat.

Mill-ittri li ġieli kien jibgħat lil ommi, fl-ewwel ġimgħat tal-ħidma tiegħu fl-Afrika, iz-ziju Raymond deher li ma kienx ippreparat għall-isfidi li sab ma' wiċċu. Qatt qabel ma kien ra sptar għeri bħal dak li sab ruħu fih! Kien sptar li ma kellu ebda teknoloġija moderna li, għalina, hija xi ħaġa normali. Minħabba f'hekk, il-kura medika fl-isptar ma setgħetx tkun tal-istess livell li mdorrijin bih aħna; jiġifieri, dik il-kura medika li wieħed jistenna li jsib fi sptar f'pajjiż żviluppat. Il-kura medika li ltaqa' magħha z-ziju fl-Afrika iktar tixbaħ lil dik li wieħed jingħata fi klinika milli fi sptar, bħal injezzjonijiet, pilloli, faxex eċċetra. Il-bażiku biss. Tistenniex teatri tal-operazzjonijiet pereżempju. Lanqas sodod biżżejjed ma kien hemm u ċerti pazjenti kellhom jorqdu mal-art. Membri tal-familji tal-morda jistgħu jakkumpanjawhom u anki jitimgħuhom b'ikel minn tagħhom stess għax fl-isptar ta' dan il-villaġġ Afrikan m'hemmx biżżejjed ikel għal kulħadd. Terġa' u tgħid, iz-ziju lanqas kien ippreparat għal ħafna mill-mard kiefer li ra b'għajnejh u mess b'idejh. Sikwit kien jiffaċċja mard qerriedi bħat-tuberkolożi, il-malarja u t-tetnu li kollha jistgħu jitfejqu b'kura immedjata flimkien ma' livell aċċettabbli ta' iġjene. Ta' kuljum, kien jara serbut ta' nies b'mard li bilkemm seta' jinduna jew jagħraf x'inhu għax la kellu laboratorju u lanqas magna tal-*X Rays*. Mhux darba jew tnejn li ħassu mitluf! Barra minn dan, xi pazjenti kienu jaslu l-isptar meta jkun tard wisq. Imma, agħar minn hekk, xi wħud kienu l-ewwel imorru għand it-tabib-saħħar tar-raħal li, iktarx iva milli le, kien ikompli jmarradhom bil-veleni li jagħtihom u kienu jmorru l-isptar meta s-sitwazzjoni tkun iggravat iżżejjed.

Niftakar lil ommi tirrakkontalna ġrajja kerha u, fl-istess ħin, sabiħa dwar laqgħa ta' ħuha ma' pazjent Afrikan. Darba, familja wasslu l-isptar lil binhom, ġuvnott ta' xi ħamsa u għoxrin sena. Ħaduh kemxejn tard. Il-pazjent deher dgħajjef wisq u b'saqajh minfuħin. Iz-ziju xxokkja ruħu meta ntebaħ li, kull darba li jiċċekkjalu l-polz, it-taħbita tal-qalb kienet tisparixxi ma' kull nifs li jieħu. Għalkemm qatt qabel ma kien iltaqa' ma' każ bħal dak, iz-ziju, flimkien man-ners li kienet qiegħda tgħinu, waslu għall-fehma li l-pazjent kien marid bit-tuberkulosi minħabba ċerti indikazzjonijiet serji, fosthom tqaħqiħ, bżieq bi traċċi ta' demm u temperatura għolja. Iz-ziju kien ċert ukoll li l-marid kellu ħafna likwidu madwar qalbu u, għalhekk, kien f'periklu serju li jmut. L-uniku ċans tiegħu kien li jipprova jiġbed il-likwidu ta' madwar qalb iż-żgħażugħ permezz ta' labra kbira mdaħħla f'sidru. Għal din l-operazzjoni, it-tabib suppost ikollu *ultra sound* biex jiggwidah, minħabba l-periklu kbir li l-labra ċċarrat il-qalb u toqtol lill-pazjent. Imma din l-għodda siewja ma kinitx teżisti hemmhekk. Naturalment, iz-ziju Raymond ġie bejn ħaltejn, qisu maqbud f'morsa. Jekk jipprova, tista' tiġi tajba u tista' tiġi ħażina u, jekk ma jippruvax, x'aktarx li ż-żgħażugħ kien jitlef ħajtu. X'jaqbad jagħmel? Iz-ziju spjega s-sitwazzjoni prekarja lill-pazjent u lill-familja tiegħu mill-aħjar li seta'. Il-ġuvnott iddikjara li hu kien lest iħalli t-tabib jagħmel dak li jaħseb li hu l-aħjar biex jipprova jfejqu. L-imsejknin ġenituri qablu ma' binhom waqt li d-dmugħ żerżaq bla rażan minn għajnejhom. Meta wasal il-waqt, iz-ziju, b'talba fuq xufftejh, deffes il-labra minn taħt l-ispalla tal-pazzjent. Għall-ewwel, meta beda jara likwidu ħamrani dieħel fis-siringa, iz-ziju nħasad għax beża' li kien taqqab qalb il-pazjent. Imma, wara ftit ħin li donnu ma ried jgħaddi qatt, it-tabib induna li dak ma kienx demm imma l-materja li kienet madwar il-qalb. Il-ġuvni ma damx ma qaleb għall-aħjar. Il-polz reġa' ġie regolari u niżlet in-nefħa minn riġlejh. Minnufih, beda kors ta' pilloli li kellu jibqa' joħodhom għal diversi xhur.

L-għada tal-operazzjoni, iz-ziju mar jara liż-żgħażugħ li deher rilassat, jaqra ktieb. It-tabib ħa pjaċir jara li l-pazjent tiegħu kien ġie 'l quddiem daqshekk malajr imma, fl-istess ħin, għamilhielu ċara li, jekk ma jiħux il-pilloli, kien jerġa' jirkadi. Minn naħa tiegħu, il-ġuvnott, b'għajnejh kbar jilmaw bil-gratitudni, kellem lit-tabib li, dak il-mument, skont ommi, ħa tagħlima kbira għal ħajtu kollha. Il-ġuvnott qallu, "Naf li int ġejt minn pajjiżek biex taħdem fostna u tgħinna. Imma qatt staqsejt lilek innifsek għaliex ġejt hawn, proprju f'dan ir-raħal u, eżattament, f'dan iż-żmien?" Iz-ziju ma weġibx fil-pront għax kien qed jagħti daqqa t'għajn ħafifa lejn il-ktieb li l-ġuvnott kellu f'idejh. Mingħajr ma ħalla lit-tabib iwieġeb, il-pazjent issokta, "Jiena nafha t-tweġiba. Int ġejt hawn għal raġuni waħda. Ġejt proprju għalija, biex issalvani!"

Iz-ziju ra li l-ktieb f'idejn iż-żgħażugħ kien il-Bibbja. Għajnejh imtlew bid-dmugħ. Dak il-ħin, f'dak il-post stramb, ħassu li tassew kien ta widen għas-sejħa t'Alla. Hu, raġel abjad minn dinja privileġġjata, issa, kien ħdejn dan il-ġuvnott Afrikan. Mingħajr qatt ma kien rah qabel, kien twaħħad miegħu b'rabta qawwija ta' rispett reċiproku. Alla bagħat lil tabib Malti f'dak il-post u f'dak iż-żmien biex ifejjaq lil dak iż-żagħżugħ. Iva, dakinhar, iz-ziju ntebaħ li, mingħajr ma jaf, kien għamel ir-rieda t'Alla, li wasslitu sal-Afrika, għax ġuvni Niġerjan kien għoddu wasal fit-tarf ta' ħajtu. Iz-ziju Raymond kien ilu x-xhur jaħseb u jitwebbel biex immur hemm u Alla bagħtu meta kien il-waqt.



# TISLIBA Nru.106

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Maltembata ta’ qilla kbira (6)
5. Tqarraq (6)
10. Angolu; Ġenb (3)
12. Ħu bil-ħatfa; Ħu bla permess (5)
14 Ġejjieni (5)
15. Mibrum (4)
16. Nofs is-susa! (2)
17. Nieqsa mis-smigħ (5)
19. Dmir (5)
22. Ħila li tkun kullimkien fl-istess ħin (8)
24. Tweġiba affermattiva (3)
25. Vara (6)
28. Isem ta’ raġel bibliku (5)
31. Din il-ġurnata (5)
33. Komponent (7)
35. Hekk għandek tagħmel bil-moqdief (5)
37. Nota Mużikali (2)
38. Moħħu hemm (6)
39. Kisja; Qoxra (5)

**Weqfin:**

2. Mdorri jgħix ta’ kampanjol (5)
3. Bajja; Kalanka (4)
4. L-Alla tal-baħar (7)
6. Li qed isofri; Magħkus (5)
7. Venerat; Meqjum (6)
8. Ħejjem; Melles żejjed (6)
9. Għarbi tad-deżert (6)
11. Nofs il-belt ta’ Texas (3)
13. Flaġġellar (7)
18. Rikonoxxenti (4)
20. Wild il-baqra ta’ taħt sena (7)
21. L-ewwel Mara (3)
23. Mgħoddi bil-wajer (9)
26. Bajja turistika ta’ Salerno (6)
27. Prestiġju; Stima; Fiduċja (6)
29. Għandhom esperjenza (6)
30. Xewka tad-daħar (6)
32. Metodu; Manjiera (3)
34. Skansa; Bewweġ (5)
36. Lvant (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta’ €10.

Il-Premju għat-tisliba numru 105 intrebħet mis-Sinjura Carmena Pisani, B’Kara **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 105**

**Mimdudin: 1** marisa, **5** franka, **10** mar, **12** indaf, **14** aries, **15** tubu, **16** ok, **17** april, **19** tieqa, **22** narratur, **24** val, **25** ballun, **28** kwart, **31** pront, **33** ottubru, **35** atomu, **37** eħ, **38** latina u **39** ħitan.

**Weqfin: 2** artab, **3** imma, **4** afrikan, **6** radda, **7** aljoli, **8** partit, **9** fisser, **11** aro, **13** fortuna, **18** ħall, **20** evapora, **21** qal, **23** arkitetti, **26** nannuħ, **27** bronki, **29** truppa, **30** appell, **32** two, **34** bozza u **36** mea.



# Il-passaport ta' Heritage Malta għall-anzjani

**Tagħrif ġenerali miġbur minn Nazju Abela**

Ikolli ngħid li ftit hawn anzjani li jafu li jeżisti passaport għall-anzjani li, bih, nistgħu inżuru, meta rridu u ***mingħajr ħlas,*** is-siti u l-mużewijiet kollha li jaqgħu taħt Heritage Malta (kemm f'Malta u anki f'Għawdex) kollha bl-eċċezzjoni tal-Ipoġew ta' Ħal-Saflieni. Barra minn hekk, aħna, bħala anzjani, nistgħu nieħdu magħna sa żewġ żgħażagħ, ngħidu aħna in-neputijiet u, b'hekk, inkunu qed inħeġġuhom biex huma wkoll jibdew irabbu l-mħabba u l-interess lejn it-teżori kulturali kbar li għandna ġewwa pajjiżna.

Kulma trid tagħmel biex tikseb dan il-passaport pulit u interessanti hi li tmur sal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tiegħek u, bħas-soltu, tieħu miegħek il-Karta tal-Identità. Hemm, jimlewlek formola u, imbagħad, tirċievi l-passaport bil-posta.

Meta jasallek u tkun trid iżżur xi mużew jew xi sit ieħor, ħu l-passaport miegħek ħalli, qabel tidħol, jagħmlulek timbru tal-attendenza. Ma' kull tmien timbri li tiġbor, tkun intitolat għal rigal sabiħ; sa mhux iktar minn tliet rigali. Għal aktar tagħrif, tistgħu iċċemplu **22954300** jew tibagħtu e-mail lil **seniorpassport@heritagemalta.org** jew iżżuru s-sit **www.heritagemalta.org/seniorpassport/guidelines**

Din hija l-lista tas-siti li tistgħu iżżuru:



**Il-Belt Valletta**
Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija
L-Armerija tal-Palazz
Il-Kmamar Statali tal-Palazz
Il-Forti Sant Jiermu u l-Mużew tal-Gwerra
Il-*Fortifications' Interpretation Centre*
Il-MUŻA – Il-Mużew Nazzjonali tal-Arti
Il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann



**L-inħawi tal-Port**
Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu
Il-Mużew Marittimu, il-Birgu
Il-Forti Sant Anglu, il-Birgu
It-Tempji ta' Ħal Tarxien



**In-naħa t'isfel ta' Malta**
Għar Dalam, Birżebbuġa
It-Tempji ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi
It-Tempji tal-Imnajdra, il-Qrendi
It-Tempji ta' Borġ in-Nadur, Birżebbuġa



**L-inħawi tar-Rabat**
Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, l-Imdina
Id-*Domus Romana*, Rabat/Imdina
Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat
It-Tempji Ta' Skorba, l-Imġarr
It-Tempji Ta' Ħaġrat, l-Imġarr
Il-Katakombi Ta' Bistra, il-Mosta



**Għawdex**
It-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra
Il-Mitħna Ta' Kola, ix-Xagħra
Iċ-Ċentru tal-Viżitaturi taċ-Ċittadella, ir-Rabat
Il-Mużew Għawdxi tal-Arkeoloġija, iċ-Ċittadella
Id-dar Storika tal-Gran Kastell, iċ-Ċittadella
Il-Ħabs il-qadim taċ-Ċittadella
Il-Mużew Naturali Għawdxi, iċ-Ċittadella




IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI
JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLĦA
U LIL DAWK KOLLĦA LI
ĦALLEWNA BIEX IGAWDU
S-SALTNA T'ALLA
L-ISBAĦ XEWQAT
F'JUM L-OMM


IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI
JAWGURA LILL-MISSIRIJIET KOLLĦA U
LIL DAWK KOLLĦA LI ĦALLEWNA
BIEX IGAWDU S-SALTNA T'ALLA
L-JUM DEDIKAT GĦALIHOM
TA' JUM IL-MISSIER